31999R1749

13.8.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 214/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1749/1999

tat-23 ta' Lulju 1999

li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 2214/96, rigward is-sub-indiċijiet ta' l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumaturi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 rigward l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur [1],

Wara li kkonsultat il-Bank Ċentrali Ewropew [2],

(1) Billi, bis-setgħa ta' l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95, kull Stat Membru huwa mistenni li jipproduċi indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP).

(2) Billi r-Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 2214/96 [3] jistabilixxi is-subindiċijiet ta' l-HICP bbażati fuq il-Coicop/HICP (il-klassifika tal-konsum individwali skond l-iskop li għalih sar adattata għall-ħtiġiet tal-klassifika ta' l-HICPs).

(3) Billi l-klassifika tal-Coicop ta' Ottubru 1998 u l-klassifika tal-Coicop/HICP kif stabbilita bir-Regolament Komuni (KE) Nru 1749/96 [4], kif emendata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1687/98 [5] u (KE) Nru 1688/98 [6], jeħtieġu l-adattament tas-subindiċijiet ta' l-HICP.

(4) Billi l-miżuri kif provduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika (SPC), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [7],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 2214/96 qed jiġu mibdula bl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-proċeduri għall-ġbir u t-trasmissjoni ta' l-informazzjoni skond il-ħtiġiet tar-Regolament preżenti mhux aktar tard minn Diċembru 1999, waqt li dawn jidħlu fis-seħħ ma' l-indiċi ta' Jannar ta'l-2000.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 257, 27.10.1995, p. 1.
[2] Opinjoni mogħtija fid-9 ta' Lulju 1999 (għada ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[3] ĠU L 296, 21.11.1996, p. 8.
[4] ĠU L 229, ta' l-10.9.1996, p. 3.
[5] ĠU L 214, tal-31.7.1998, p. 12.
[6] ĠU L 214, tal-31.7.1998, p. 13.
[7] ĠU L 181, tat-28.6.1998, p. 47.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Yves-Thibault DE SILGUY

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

SUBINDIĊIJIET TAL-HICP (REV.DIĊ99)

01-12	**SPIŻA TAL-KONSUM INDIVIDWALI DOMESTIKU**
01	IKEL U XORB NON-ALKOĦOLIKU
01.1	**Ikel**
01.1.1	Ħobż u ċereali
01.1.2	Laħam
01.1.3	Ħut
01.1.4	Ħalib ġobon u bajd
01.1.5	Żjut u xaħmijiet
01.1.6	Frott
01.1.7	Ħaxix
01.1.8	Zokkor, *jam,* għasel, ċikkulata u ħelu
01.1.9	Prodotti ta' l-ikel m.i.b.
01.2	**Xorb non-alkoħoliku**
01.2.1	Kafe, te u kokotina
01.2.2	Ilma minerali, bibiti gassużi u meraq tal-frott u l-ħaxix
02	XORB ALKOĦOLIKU U TABAKK
02.1	**Xorb Alkoħoliku**
02.1.1	Spirti
02.1.2	Inbid
02.1.3	Birra
02.2	**Tabakk**
02.2.0	Tabakk
03	ILBIES U XEDD IR-RIĠEL
03.1	**Ilbies**
03.1.1	Drapp ta' l-ilbies
03.1.2	Ħwejjeġ
03.1.3	Artikoli oħra ta' lbies u aċċessorji ta' lbies
03.1.4	Tindif, tiswija u kiri tal-ħwejjeġ
03.2	**Xedd ir-riġel**
03.2.1/2	Żraben, xidd ir-riġel ieħor inklużi it-tiswija u l-kiri ta' xedd ir-riġel

04	ABITAZZJONI, ILMA, ELETTRIKU, GAS U KARBURANTI OĦRA
04.1	**Kera attwalment imħallas għal-abitazzjoni**
04.1.1/2	Kera attwalment imħallas mill-inkwilini li jinkludi ħlasijiet oħra attwali
04.3	**Manutenzjoni u tiswija tal-bini**
04.3.1	Materjali għall-manutenzjoni u t-tiswija ta'l-abitazzjoni
04.3.2	Servizzi għall-manutenzjoni u tiswija tal-bini
04.4	**Servizz ta' l-ilma u servizzi mixxellanji li għandhom x'jaqsmu ma l-abitazzjoni**
04.4.1	Servizz ta' l-ilma
04.4.2	Ġbir taż-żibel
04.4.3	Ġbir tad-dranaġġ
04.4.4	Servizzi oħra li għandhom x'jaqsmu ma l-abitazzjoni m.i.b.
04.5	**Elettriku, gas, u karburanti oħra**
04.5.1	Elettriku
04.5.2	Gas
04.5.3	Karburanti likwidi
04.5.4	Karburanti solidi
04.5.5	Enerġija għas-sħana
05	GĦAMARA, TAGĦMIR DOMESTIKU U MANUTENZJONI ORDINARJA TAD-DAR
05.1	**Għamara u arredamenti, tapiti u għata oħra tal-pavimenti**
05.1.1	Għamara u arredamenti
05.1.2	Tapiti u għata oħra tal-pavimenti
05.1.3	Tiswija ta' għamara, ta' arredamenti u ta' għata tal-pavimenti.
05.2	**Drappijiet tad-dar**
05.2.0	Drappijiet tad-dar
05.3	**Tagħmir domestiku**
05.3.1/2	Tagħmir domestiku mdaqqas kemm ta`l-elettriku u kemm le, u tagħmir domestiku ta` daqs żgħir.
05.3.3	Tiswija ta` tagħmir domestiku
05.4	**Oġġetti tal-ħġieg, oġġetti tal-mejda u utensili tad-dar**
05.4.0	Oġġetti tal-ħġieġ, oġġetti tal-mejda u utensili tad-dar.
05.5	**Għodda u tagħmir għad-djar u l-ġonna**
05.5.1/2	Għodda u tagħmir imdaqqsa u għodda zgħira u aċċessorji diversi

05.6	**Merkanzija u servizzi għall-manutenzjoni ordinarja tad-djar**
05.6.1	Merkanzija domestika ta' konsum
05.6.2	Servizzi domestiċi u qadi fid-djar
06	SAĦĦA
06.1	**Prodotti, tagħmir u apparat mediku**
06.1.1	Prodotti farmaċewtiċi
06.1.2	Prodotti oħrajn mediċi, tagħmir u apparat terapewtiku
06.2	**Servizzi tal-pazjenti mhux residenti**
06.2.1/3	Servizzi mediċi u paramediċi
06.2.2	Servizzi dentali
06.3	**Servizzi ta' sptar**
06.3.0	Servizzi ta' sptar
07	TRASPORT
07.1	**Xiri ta' vetturi**
07.1.1	Vetturi tal-mutur
07.1.2/3/4	Ċiklo muturi, biċikletti u karrijiet miġbuda mill-annimali
07.2	**Tħaddim ta' tagħmir ta' trasport personali**
07.2.1	Partijiet ta' rikambju u aċċessorji għal-tagħmir ta' trasport personali
07.2.2	Karburanti u lubrikanti għat-tagħmir tat-trasport personali
07.2.3	Manutenzjoni u tiswija tat-tagħmir tat-trasport personali
07.2.4	Servizzi oħrajn fir-rigward tat-tagħmir tat-trasport personali
07.3	**Servizzi tat-trasport**
07.3.1	Trasport tal-passiġieri bil-ferrovija
07.3.2	Trasport tal-passiġieri fuq it-triq
07.3.3	Trasport tal-passiġieri bl-ajru
07.3.4	Trasport tal-passiġieri fuq il-baħar u fuq il-kanali interni
07.3.5	Trasport tal-passiġieri kombinat
07.3.6	Servizzi oħra tat-trasport imħallas
08	KOMUNIKAZZJONI
08.1	**Servizzi postali**
08.1.0	Servizzi postali

08.x	**Tagħmir tat-telefonija u telefax u servizzi tat-telefonija u telefax**
08.2/3.0	Tagħmir tat-telefonija u telefax u servizzi tat-telefonija u telefax
09	RIKREAZZJONI U KULTURA
09.1	**Tagħmir awdjoviżiv, fotografiku u li jipproċessa l-informazzjoni**
09.1.1	Tagħmir biex jiġu rċevuti, reġistrati u riprodotti il-ħoss u l-immaġini
09.1.2	Tagħmir fotografiku u ċinematografiku u strumenti ottiċi
09.1.3	Tagħmir għall-iproċessar ta' l-informazzjoni
09.1.4	Mezzi ta' reġistrazzjoni
09.1.5	Tiswija ta' tagħmir awdjo-viżiv, fotografiku u li jipproċessa l-informazzjoni
09.2	**Tagħmir permanenti ieħor mdaqqas għar-rikreazzjoni u kultura**
09.2.1/2	Tagħmir permanenti ieħor mdaqqas għal-rikreazzjoni ta' barra u ta' ġewwa inklużi l-istrumenti mużikali
09.2.3	Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir ieħor mdaqqas permanenti għar-rikreazzjoni u kultura
09.3	**Oġġetti u tagħmir ieħor ta' rikreazzjoni tal-ġonna u ta' l-annimali domestiċi**
09.3.1	Logħbiet, ġugarelli u oġġetti tad-delizzju
09.3.2	Tagħmir għall-isport, camping u rikreazzjoni fl-arja aperta
09.3.3	Ġonna, pjanti u fjuri
09.3.4/5	Annimali domestiċi u prodotti relatati inklużi servizzi veterinarji u oħrajn għalihom
09.4	**Servizzi rikreattivi u kulturali**
09.4.1	Servizzi rikreattivi u sportivi
09.4.2	Servizzi kulturali
09.5	**Ġurnali, kotba u oġġetti ta' kartolerija**
09.5.1	Kotba (SD)
09.5.2	Ġurnali u perjodiċi
09.5.3/4	Oġġetti stampati varji u oġġetti tal-kartolerija u materjali tat-tpinġija
09.6	**Vaganzi kollox imħallas**
09.6.0	Vaganzi kollox imħallas
10	L-EDUKAZZJONI
10.x	**L-edukazzjoni pre-premarja u primarja, sekondarja, post-sekondarja non-terzjarja, u terzjarja u l-edukazzjoni mhux defnibbli permezz tal-livelli**
10.x.0	L-edukazzjoni pre-primarja u primarja, sekondarja, post-sekondarja non terzjarja, u terzjarja u l-edukazzjoni mhux definibbli permezz tal-livelli

11	IR-RISTORANTI U L-LUKANDI
11.1	**Is-servizzi tal-provvediment ta' l-ikel**
11.1.1	Ristoranti, kafejiet u oħrajn ta' din ix-xorta
11.1.2	Canteens
11.2	**Servizzi ta' akkomodazzjoni**
11.2.0	Servizzi ta' akkomodazzjoni
12	OĠĠETTI U SERVIZZI VARJI
12.1	**Kura tal-persuna**
12.1.1	Stabbilimenti tal-parrukkiera u ta' l-estetika tal-persuna
12.1.2/3	Apparat elettriku għal-kura tal-persuna u tagħmir, oġġetti u prodotti għal-kura tal-estetika
12.3	**Effetti personali m.i.b.**
12.3.1	*Bijoux*, ġojjelli u arloġġi
12.3.2	Effetti personali oħra
12.4	**Protezzjoni Soċjali**
12.4.0	Protezzjoni Soċjali
12.5	**Assigurazzjoni**
12.5.2	Assigurazzjoni konnessa mad-djar
12.5.3	Konnessa mas-saħħa
12.5.4	Assigurazzjoni konnessa mat-trasport
12.5.5	Assigurazzjoni oħra
12.6	**Servizzi finanzjarji m.i.b.**
12.6.2	Servizzi finanzjarji oħra m.i.b.
12.7	**Servizzi oħra m.i.b.**
12.7.0	Servizzi oħra m.i.b.

L-ANNESS II

ILLUSTRAZZJONI TAS-SUBINDIĊIJIET TAL-HICP (REV. DIĊ99) ANALIŻI PERMEZZ TA' DIVIŻJONI (SAL-LIVELL TA' ŻEWĠ ĊIFRI), GRUPP (SAL-LIVELL TA' TLIET ĊIFRI) U KLASSI [1] **(SAL-LIVELL TA' ERBA' ĊIFRI)** [2]

01-12 **SPIŻA TAL-KONSUM INDIVIDWALI DOMESTIKU**

01 IKEL U XORB NON ALKOĦOLIKU

01.1 **Ikel**

Il-prodotti ta' l-ikel hawnhekk klassifikati huma dawk mixtrija għall-konsum fid-dar. Il-grupp jeskludi prodotti ta' l-ikel mibjugħa għall-konsum immedjat barra mid-dar mill-lukandi, restoranti, kafejiet, bars, kjoskijiet, bejjiegħa tat-triq, magni tal-bejgħ awtomatiċi eċċ. (11,1.1); ikliet imsajra fir-ristoranti u għall-konsum mhux fil-lokal (11.1.1.); ikel imsajjar ippreparat minn kuntratturi għall-forniment kemm jekk dawn jinġabru mill-klijent kemm jekk jiġu mwassla fid-dar tal-klijent (11.1.1); u prodotti mibjugħa speċifikament bħala ikel ta' l-annimali tad-dar (09.3.4).

01.1.1 Ħobż u ċereali (ND)

– ross taħt kull forma li għandu

– qamħirrun, qamħ, xgħir, ħafur, segala u ċereali oħrajn fil-forma ta' żrieragħ, jew bħala dqieq jew miħun oħxon.

– ħobż u prodotti oħra moħmija (crsispbread, rusks, ħobż mixwi, gallettini, gingerbread, wafers, waffles, crumpets, muffins, croissants, pasti, tortellini, qassatat, quiches u pizza, eċċ.

– taħlitiet u għaġniet użati fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-ħami.

– ross taħt kull forma; couscous,

– preparati miċ-ċereali (cornflakes, oatflakes, eċċ) u prodotti oħra miċ-ċereali (malt, dqieq tal-malt, estratt tal-malt, lamtu tal-patata, tapioka, sago u lamtijiet oħra).

Jinkludu: prodotti bbażati fuq it-dqieq ippreparati bil-laħam, ħut, ġobon bil-prodotti tal-baħar, ħaxix u frott.

Jeskludi: qassatat (torti) tal-laħam (01.1.2); qassatat tal-ħut (01.1.3); qamħirrun ħelu (01.1.7).

01.1.2 Laħam (ND)

– Laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat ta'

  – annimali bovini, majjal, nagħaġ u mogħoż,

  – żiemel, bagħal, ħmar, ġemel u oħrajn ta' din ix-xorta.

  – tjur (tiġieġ, papri, wiżż, dundjan, u guinea fowl),

  – liebru, fenek u kaċċa (ċerv, ċerva, ċingjal, faġan, gallozz, gamiem (ħamiem) summien, eċċ),

– ġewwieni frisk, imkessaħ jew iffriżat,

– laħam imnixxef, immellaħ jew affumikat u ġewwieni li jittiekel (zalzett, salami, bejkin, perzut, pate, eċċ,

– laħam ieħor ippreservat jew ipproċessat u preparati bbażati fuq il-laħam (laħam tal-landa, estratti tal-laħam, meraq tal-laħam, qassatat tal-laħam, eċċ),

Jinkludu: laħam u ġewwieni ta' l-ikel ta' mammiferi marini (foki, bumarini, balieni, eċċ.) u annimali eżotiċi (kangaru, nagħma, kukkudrill, eċċ) annimali u tjur mixtrija ħajjin għall-konsum bħala ikel.

---

(1) Il-biċċa l-kbira tal-klassijiet iħaddnu fihom jew oġġeti inkella servizzi. Il-klassijiet li fihom l-oġġetti huma murija jew permezz ta' (ND), (SD) jew ta' (D) li tindika jew "li ma jservux għat-tul," "jew li jservu għal ċertu żmien" jew "li jservu għat-tul" rispettivament. (S) tfisser klassijiet li jkunu jikkonsistu f "servizzi". Xi klassijiet ikun fihom kemm oġġetti kif ukoll servizzi għaliex ikun diffiċli li taqsamhom f'oġġetti u servizzi. Dawn il-klassijiet ikunu komunement assenjati l-ittra (S) għaliex il-komponent ta' servizz ikun ikkunsidrat bħala predominanti. (E) tindika "enerġija" u (SEA) "prodotti staġjonali".

(2) Dan huwa bbażat fuq il-klassifika finali tal-COICOP kif tlestiet mill-OECD wara konsultazzjoni ma' l-Eurostat, l-UNSD u l-aġenziji nazzjonali ta' l-istatistika tal-pajjiżi Membri, Ottubru 1998.

Jeskludi: bebbux ta' l-art u tal-baħar (01.1.3); ardu u xaħmijiet oħra ta'l-annimali li jittieklu (01.1.5); sopop, brodu u stokks li jkun fihom il-laħam (01.1.9).

01.1.3 Ħut (ND)(SEA)

– ġewwieni frisk, imkessaħ jew iffriżat,

– ikel tal-baħar, frisk, imkessaħ jew iffriżat (krustaċji inklużi l-granċijiet ta'l-art, molluski u ħut ieħor tal-qoxra, bebbux ta'l-art u tal-baħar, żringijiet)

– ħut u ikel tal-baħar imnixxef, affumikat jew immellaħ,

– ħut u ikel tal-baħar ieħor ippreservat jew ipproċessat u ħut u preparati bbażati fuq l-ikel tal-baħar (ħut u ikel tal-baħar fil-landa, kavjar u bajd ieħor tal-ħut, qassatat tal-ħut, eċċ).

Jinkludu: ħut u ikel tal-baħar mixtri ħaj biex jiġi kkunsmat bħala ikel.

Jeskludi: sopop, brodijiet u stokks li jkun fihom il-ħut (01.1.9).

01.1.4 Ħalib, ġobon u bajd (ND)

– ħalib mhux imsajjar; ħalib pasturizzat u sterilizzat,

– ħalib ikkondensat, evaporat u f-forma ta' trab,

– jogurt, krema, dežerti bbażati fuq il-ħalib, xarbiet ibbażati fuq il-ħalib u prodotti simili oħra bbażati fuq il-ħalib,

– ġobon u baqta,

– bajd u prodotti tal-bajd magħmula esklussivament mill-bajd.

Jinkludi: ħalib, krema u jogurt li jkun fih iz-zokkor, il-kakaw, il-frott jew it-togħmiet; prodotti tal-biedja mhux ibbażati fuq il-ħalib bħall-ħalib tas-soja.

Jeskludi: butir u prodotti tal-butir (01.1.5).

01.1.5 Żjut u xaħmijiet (ND)

– butir u prodotti tal-butir (żejt tal-butir, *ghee*, eċċ.),

– marġerina (inkluża marġerina "tad-dieta") u xaħmijiet veġetali oħra (inkluż il-butir tal-karawett),

– żjut ta' l-ikel (żejt taż-żebbuġa, żejt tal-qamħirrun, żejt tal-ward tax-xemx, żejt taż-żerriegħa tal-qoton, żejt tas-soja, żejt il-lewż, żejt tal-ġewż, eċċ.),

– xaħmijiet li jittieklu ta' l-annimali (ardu, eċċ.).

Jeskludi: żejt tal-bakkaljaw jew tal-*halibut* (06.1.1).

01.1.6 Frott (ND) (SEA)

– frisk, imkessaħ jew iffriżat,

– frott imnixxef, qoxra tal-frott, qliebi tal-frott, lewż u żrieragħ li jittieklu,

– frott ippreservat u prodotti bbażati fuq il-frott.

Jinkludi: bettiegħ u dulliegħ.

Jeskludi: ħaxix ikkultivat għall-frott tiegħu bħall-brunġiel, ħjar u tadam (01.1.7); ġammijiet, marmellati, compotes, ġeli, puree u pejst tal-frott (01.1.8); partijiet tal-pjanti ppreservati fiz-zokkor (01.1.8) meraq u xiropp tal-frott (01.2.2).

01.1.7 Ħaxix (ND) (SEA)

– ħaxix frisk, imkessaħ iffriżat jew imnixxef ikkoltivat għall-weraq jew għaz-zokk tiegħu (spraġ, brokkli, pastard, indivja, bużbież, spinaċi, eċċ.), għall-frott (brunġiel, ħjar, żukkini, bżar aħdar, qargħa aħmar, tadam, eċċ.), u għall-għeruq (pitravi, zunnarija, basal, zunnarija bajda, ravanell, liftja eċċ).

– patata friska jew imkessħa u ħaxix ieħor ta' l-għerq (manjokk, arrowroot, cassava, patata ħelwa, eċċ),

– ħaxix ippreservat jew ipproċessat u prodotti bbażati fuq il-ħaxix.

– prodotti tal-ħaxix ta' l-għerq (dqieq, flejks, purees, *chips*u krisps) inklużi preparati bħall-patata *chips*.

Jinkludu: żebbuġ; tewm; ħaxix tal-miżwed; qamħirrun ħelu; bużbież tal-baħar u ħaxix ieħor tal-baħar li jttiekel; faqqiegħ u fungi oħra ta' l-ikel.

Jeskludi: lamtu tal-patata, tapjoka, sago u lamtijiet oħra (01.1.1); sopop, brodijiet u stokks li jkun fihom il-ħaxix (01.19); ħwawar tat-tisjir (tursin, rożmarin, nagħniegħ, eċċ) u taħwir (bżar, bżar aħmar, ġinġer, eċċ.) (01.1.9) meraq tal-ħaxix (01.2.2).

01.1.8 Zokkor, *jam*, għasel, ċikkulata u ħelu (ND)

– żokkor tal-kannamieli u tal-pitravi, raffinat jew mhux, fi trab, kristalli jew blokok.

– ġammijiet, kunserva tal-lariġ, frott misjur, ġeli, pure u pejst tal-frott, għasel naturali u artifiċjali, xiropp tal-maple, molasses u partijiet ta' pjanti ppreservati fiz-zokkor,

– ċikkulata fi strixxi jew blokki, chewing gum, ħelu, tofi, pastilji u prodotti oħra tal-ħelu.

– oġġetti ta' l-ikel ibbażati fuq il-kakaw u oġġetti tad-dežerta ppreparati mill-kakaw,

– silġ li jittiekel, ġelat u sorbet.

Jinkludu: sostituti artifiċjali taz-zokkor.

Jeskludi: kakaw u trab ibbażat fuq iċ-ċikkulata (01.2.1).

01.1.9 Prodotti ta' l-ikel m.i.b.(ND)

– melħ, ħwawar (bżar, pimento, ġinġer,eċċ.) ħwawar tal-kċina (tursin, rożmarin, sagħtar, eċċ.), zlazi, kondimenti, taħwir (mustarda, mayonnaise, ketchup, soy sauce, eċċ.), ħall,

– prerparati ta' baking powder, ħmira tal-ħami, preparati tad-dežerta, sopop, brodijiet, stocks, ingredjenti tal-kċina, eċċ.

– ikel omoġenizzat tat-trabi u preparati tad-dieta irrispettivament minn kif inhuma komposti

Jeskludi: dežerti bbażati fuq il-ħalib (01.1.4); ħalib tas-soya (01.1.4); sostituti artifiċjali taz-zokkor (01.1.8): preparati tad-dežerta bbażati fuq il-kakaw (01.1.8).

01.2 **Xorb non-alkoħoliku**

Ix-xarbiet mhux alkoliċi klassifikati hawnhekk huma dawk li jinxtraw għall-konsum fid-dar. Il-grupp jeskludi xarbiet mhux alkoliċi li jinbiegħu għall-konsum immedjat barra mid-dar f'lukandi, restoranti, kafejiet, bars, kjoskijiet, bejjegħa tat-toroq, magni tal-bejgħ awtomatiċi, eċċ (11.1.1).

01.2.1 Kafe, te u kokotina (ND)

– kafe, kemm jekk dekafeinat kemm jekk, inkaljat jew miħun, inkluż l il-kafe instantanju,

– te, maté u prodotti oħra għall-infużjonijiet,

– kakaw, kemm jekk miżjuda biz-zokkor kemm jekk le, u trab ibbażat fuq iċ-ċikkulata.

Jinkludu: preparati tax-xorb ibbażati fuq il-kawkaw; sostituti tal-kafe u tat-te; estratti u essenzi tal-kafe u tat-te.

Jeskludi: ċikkulata f'forma tawwalija jew ċatta (01.1.8); ikel ibbażat fuq il-kawkaw u preparati tad-dežerta bbażati fuq il-kawkaw

01.2.2 Ilma minerali, bibiti gassużi u meraq tal-frott u l-ħaxix (ND)

– ilma minerali jew ta' l-għejjun; l-ilma kollu tax-xorb li jinbiegħ fil-kontenituri,

– xarbiet mhux alkoliċi bħalma huma s-soda, il-luminati u l-kola,

– meraq tal-frott u tal-ħaxix,

– xiroppi u konċentrati għall-preparazzjoni tax-xarbiet.

Jeskludi: xarbiet mhux alkoliċi li ġeneralment ikunu alkoliċi bħal birra mhux alkolika (02.1).

02 XORB ALKOĦOLIKU U TABAKK

02.1 **Xorb Alkoħoliku**

Ix-xarbiet mhux alkoliċi klassifikati hawnhekk huma dawk li jinxtraw għall-konsum fid-dar. Il-grupp jeskludi xarbiet mhux alkoliċi li jinbiegħu għall-konsum immedjat barra mid-dar f'lukandi, ristoranti, kafejiet, bars, kjoskijiet, bejjiegħa fit-toroq, magni tal-bejgħ awtomatiċi, eċċ (11.1.1).

Ix-xarbiet hawn klassifikati jinkludu xarbiet li ma fihomx jew li għandhom rata baxxa ta' alkol u li ġeneralment ikun fihom l-alkol bħall-birra mhux alkolika.

02.1.1 Spirti (ND)

– eaux-de-vie, likuri u spirti oħra.

Jinkludu: mead; aperittivi barra l-aperittivi bbażati fuq l-inbid (02.1.2)

02.1.2 Inbid (ND)

– inbid, cider u perry, inkluż is-sake

– aperittivi bbażati fuq l-inbid, inbejjed fortifikati, xampanja u nbejjed oħra spumanti.

02.1.3 Birra (ND)

– il-kwalitajiet kollha ta' birer bħall-ale, lager u porter.

Jinkludi: birra b'ammont baxx ta' alkol u birra mingħajr alkol, shandy.

02.2 **Tabakk**

Dan il-grupp ikopri x-xiri kollu ta' tabakk minn entitajiet domestiċi, inkluż ix-xiri ta' tabakk fir-restoranti, kafejiet,bars, stazzjonijiet tas-servizz, eċċ.

02.2.0 Tabakk (ND)

– sigaretti, tabakk tas-sigaretti u karti tal-brim,

– sigarri, tabakk tal-pipa, tabakk tal-magħda u niskata.

Jeskludi: oġġetti oħra ta' min ipejjep (12.3.2).

03 ILBIES U XEDD-IR-RIĠEL

03.1 **Ilbies**

03.1.1 Drapp ta' l-ilbies (SD)

– drappijiet ta' l-ilbies magħmula mill-fibra naturali, mill-fibra artifiċjali u mit-taħlita tagħhom.

Jeskludi: drappijiet tal-kurtinaġġ u tat-tapizzara (05.2.0)

03.1.2 Ħwejjeġ (SD)

– Ilbiesi ta' l-irġiel, tan-nisa, tat-tfal (minn tlieta sa 13-il sena) u tat-trabi (minn 0 sa sentejn), kemm jekk lesti biex jintlibsu kif ukoll jekk magħmula tal-qies, minn kwalunkwe drapp (inkluża l-ġilda, il-fer, il-plastika u l-gomma) għax-xedd ta' kuljum, għall-isport u għax-xogħol;

  – kapep, kapotti, raincoats, anoraks, parkas, blousons, ġgieġet, qliezet, sdieri, ilbies formali ta' l-iġiel, kostumi, ilbies formali tan-nisa, dbielet,eċċ.

  – qomos, blużi, pullovers, sweaters, cardigans, xortsijiet, malji ta' l-għawm, jogging suits, sweatshirts, T-shirts, leotards, eċċ.

  – flokkijiet ta' taħt, qliezet ta' taħt, peduni, kalzetti, tajts, ilbiesi ta' taħt, reġipetti, knickers, slips, ħżiem, kriepet, body stockings, eċċ.

  – piġami, qomos tas-sodda, ilbies tas-sodda, housecoats, ilbies ta' gewwa, ilbies tal-banju, eċċ.

  – fsieqi tat-trabi u żraben tat-trabi magħmulin mid-drapp.

Jeskludi: oġġetti ta' maljerija medika bħal kalzetti tal-lastku (06.1.12); fradal tat-trabi (12.1.3)

03.1.3 Artikli oħra ta' lbies u aċċessorji ta' lbies (SD)

– ingravati, mkatar, xalpi, kwadranti, ingwanti, mittens, muffs, ċintorini, ċineg, fradal, ġagagi, bavalori, għata tal-kmiem, kpiepel, brieret, barnużi, eċċ.

– ħajt tal-ħjata, ħajt tas-suf u l-aċċessorji li jmorru ma' l-ilbies bħalma huma bokkli, buttuni, buttuni tal-pressa, żippijiet, kurdiċelli, bizzilel, gwarniġjon, eċċ.

Jinkludi: ingwanti tal-ġardinaġġ u ngwanti tax-xogħol; elmijiet protettivi għall-karozzi, il-muturi u r-roti.

Jeskludi: ingwanti u oġġetti oħra magħmulin mill-gomma (05.6.1); labar, labar tas-sarwal, labar tal-ħjata, labar tas-suf, ħoloq tal-ħjata (05.6.1); xedd ir-ras protettiv għall-isports (09.3.2.); tagħmir protettiv ieħor għall-isports bħalma huma ġgieget protettivi, ingwanti tal-boksing, kuttunar li jipproteġi l-ġisem, ċintorini, sospensorji, eċċ. (09.3.2); imkatar tal-karti (12.1.3); arloġġi ta' l-idejn, ġojjelli, pulzieri, labar ta' l-ingravata (12.3.1); bsaten tal-mixi u bsaten komuni, umbrelel u umbrelel tax-xemx, fannijiet, ċrieki taċ-ċwievet (12.3.2).

03.1.4 Tindif, tiswija u kiri tal-ħwejjeġ (S)

– dry-cleaning, ħasil u żebgħa ta' l-ilbies.

– sarsir, tirqigħ, tiswija u alterazzjoni ta' l-ilbies,

– kiri ta' l-ilbies.

Jinkludi: il-valur totali tas-servizz tat-tiswija (jiġifieri, kemm il-prezz tax-xogħol kif ukoll il-prezz tal-materjal huma koperti).

Jeskludi: materjali, ħajt, aċċessorji, eċċ. mixtrija minn persuni bl-intenzjoni li jagħmlu t-tiswijiet huma stess (03.1.1.) jew (03.1.3); tiswija ta' bjankerija tad-dar u drappeġġi oħra tad-dar (05.2.0); dry-cleaning, ħasil, zebgħa u kiri ta' bjankerija tad-dar u tessili oħra tad-dar (05.6.2).

03.2 **Xedd ir-riġel**

03.2.1/2 Żraben, xedd ir-riġel ieħor inklużi t-tiswija u l-kiri ta' xedd ir-riġel (SD)

– xedd ir-rġel kollu ta' l-irġiel, in-nisa u t-tfal (minn tlieta sa tlettax-il sena) u tat-trabi (minn 0 sa sentejn) inkluż xedd ir-riġel għall-isports li hu tajjeb biex jintlibes għal kuljum jew bħala xedd informali (żraben għal-iġġoggjar it-trejning, għat-tennis, il-basketball, l-ibburdjar, eċċ.)

– tiswija ta' xedd ir-riġel, servizzi ta' tindif ta' żraben,

– kiri ta' żraben.

Jinkludi: getti, għata għar-riġel u oġġetti simili; il-valur totali tas-servizz tat-tiswija (jiġifieri, kemm il-prezz tax-xogħol kif ukoll il-prezz tal-materjal huma koperti).

Jeskludi: żraben tat-trabi magħmula mid-drapp (03.1.2); xedd ir-riġel ortopediku (06.1.3; xedd ir-riġel li jkun speċifiku għal ċertu logħob (żraben ta'l-iskijar, żraben tal-golf u xedd ieħor bħal dan iffittjat bi żlitti tas-silġ, rotelli, msiemer, stażżijiet, eċċ.) (09.3.2); protezzjoni għall-qasba tas-sieq, cricket-pads u lbies ieħor protettiv għall-isports (09.3.2); lostri, kremi u oġġetti oħra għat-tindif taż-żraben (06.5.1) tiswija (09.3.,2) jew kiri (09.4.1.) ta' xedd li jkun speċifiku għal ċertu logħob (żraben ta'l-iskijar, żraben tal-futbol, żraben tal-golf u xedd ieħor simili ffittjat bl-iżlitti tas-silġ, rotelli, msiemer, stażżijiet eċċ.).

04 ABITAZZJONI, ILMA, ELETTRIKU, GASS U KARBURANTI OĦRA

04.1 **Kera attwali għall-abitazzjoni**

Il-kera hija dik il-kera kollha li titħallas mill-inkwilini, i.e.il-kera li jħallas l-inkwilin lil sid il-kera apparti minn xi benefiċċji soċjali li jirċievi l-inkwilin minn awtoritajiet pubbliċi (inklużi l-ħlasijiet li skond id-diskrezzjoni ta'l-inkwilin imorru direttament għand sid-il-kera).

Il-kera normalment tinkludi l-ħlas għall-użu ta' l-art li fuqha tkun mibnija l-propjeta, id-dar okkupata, l-apparat u l-inġenji għat-tisħin, is-sistemi ta' l-ilma u tad-dawl eċċ. u, fil-każ ta' dar mikrija mgħammra, l-għamara.

Il-kera jinkudi wkoll il-ħlas għall-użu ta' garaxx li jipprovdi parkeġġ konness mad-dar. Il-garaxx jista' ma jkunx imiss fiżikament mad-dar; kif lanqas jista' ma jkunx jinkera minn għand l-istess sid.

Il-kera ma tinkludix il-ħlas għall-użu ta' garaxx jew spazji għall-parkeġġ li ma jipprovdux parkeġġ konness mad-dar (07.2.4). Dawn lanqas ma jinkludu ħlasijiet għall-provvista ta' l-ilma (04.4.1), ġbir taż-żibel (04.4.2) u ġbir tad-dranaġġ (04.4.3); il-ħlasijiet bħala kopropropjetarji għall-purtinaġġ, ġardinaġġ, tindif tat-taraġ, tisħin u tidwil, manutenzjoni tal-liftijiet jew rampi taż-żibel, eċċ f'kondominji (04.4.4) ħlasijiet għall-elettriku (04.5.1) u gass (04.5.2); ħlasijiet għat-tisħin u għall-misħun ipprovdut minn impjanti distrettwali tat-tisħin (04.5.5).

04.1.1/2 Kera attwalment imħallas mill-inkwilini li jinkludi ħlasijiet oħra attwali

– kera attwalment imħallsa mill-inkwilini jew minn sub-inkwilini li jokkupaw djar mgħammra jew m' humiex bħala r-residenza prinċipali,

– kera attwalment imħallsa għal residenzi sekondarji.

Jinkludi: ħlasijiet minn entitajiet domestiċi li jkunu jokkupaw kamra f'lukanda jew f'xi pensjoni bħala r-residenza prinċipali tagħhom.

Jeskludi: servizzi ta' akkomodazzjoni fi stabbilimenti edukattivi u *hostels* (11.2.0). villaġġi tal-vaganzi u ċentri tal-vaganzi (11.2.0), u djar ta' rikoveru għall-persuni anzjani. (*) (12.4.0).

04.3 **Manutenzjoni u t-tiswija tal-bini**

Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' l-abitazzjonijiet tingħaraf minn żewġ fatturi: l-ewwenett, dawn ikunu attivitajiet li jridu jsiru regolarment biex l-abitazzjoni tinżamm f' kondizzjoni vijabbli; it-tieni, dawn ma jibdlux il-kwalità tas-servizz, l-ispazju u kemm il-bini mistenni li jservi.

Hemm żewġ tipi ta' manutenzjoni u tiswija ta' l-abitazzjoni: dawk li huma minuri, bħal dekorazzjoni ta' ġewwa u tiswija tat-tagħmir li komunement isiru kemm mill-inkwilini kif ukoll mis-sidien; u dawk li huma maġġuri, bħal tikħil mill-ġdid u tiswija ta' soqfa, u li jsiru biss mis-sidien.

Huma biss l-ispejjeż minfuqa mill-inkwilini u s-sidien li joqogħdu f'darhom għall-materjal u s-servizzi tal-manutenzjoni u t-tiswija li huma parti min-nefqa tal-konsum individwali għall-entitajiet domestiċi. L-ispejjeż minfuqa mis-sidien li joqogħdu f'darhom għall-materjal u s-servizzi għal-manutenzjoni u tiswija m'humiex parti min-nefqa tal-konsum individwali għall-entitajiet domestiċi. (**).

Ix-xiri tal-materjali li jsir mill-inkwilini jew mis-sidien-residenti bl-intenzjoni li jagħmlu x-xogħol tat-tiswija u l-manutenzjoni huma stess irid jintwera taħt (04.3.1). Jekk l-inkwilini jew is-sidien-residenti jħallsu lil intrapriża biex tagħmel il-manutenzjoni jew it-tiswija, il-valur totali tas-servizz inklużi l-ispejjeż tal-materjali użati, iridu jintwerew taħt (04.3.2).

04.3.1 Materjali għall-manutenzjoni u t-tiswija ta'l-abitazzjoni (**) (ND)

– prodotti u materjali, bħalma huma żebgħa u verniċi, primituri, kisi tal-karta. Kisi tad-drapp, ħġieġ tat-twieqi, ġir, stokk tas-siment, kolla għall-karta tal-kisi, eċċ,. mixtrija għall-manutenzjoni minuri u tiswija ta' l-abitazzjoni.

Jinkludi: xogħljiet żgħar fis-sistema ta' l-ilma (pajpijiet, viti, tqalfit, eċċ) u materjali tal-kisi ta' wċuħ (floor boards, madum taċ-ċeramika, eċċ.).

Jeskludi: twapet ffittjati u linolju (05.1.2); għodod ta' l-idejn, manilji, sokits tad-dawl, fleks u lampi, (05.5.2); xkupi, broxkijiet, xkupilji u prodotti għat-tindif (05.6.1) prodotti, materjali u apparat użat għal manutenzjoni u tiswija maġġura (konsum intermedju, mhux kopert mill-HICP) (**) jew għall-estensjoni jew il-konverżjoni ta' l-abitazzjoni (il-formazzjoni tal-kapital, mhux kopert mill-HICP) (**).

04.3.2 Servizzi għall-manutenzjoni u t-tiswija tal-bini (**) (S)

– is-servizzi ta' plumbers, eletriċisti, mastrudaxxi, tal-ħġieġ, żebbiegħa, dekoraturi, lustraturi ta' l-art, eċċ. imqabbda għal manutenzjoni u tiswija minuri ta' l-abitazzjoni.

Jinkludu: il-valur totali tas-servizz tat-tiswija (jiġifieri, kemm il-prezz tax-xogħol kif ukoll il-prezz tal-materjal huma koperti).

Jeskludi: ix-xiri separat tal-materjali li jsir mill-entitajiet domestiċi bil-għan li jagħmlu l-manutenzjoni u t-tiswija huma stess (04.3.1.); is-servizzi mqabbda għal manutenzjoni u tiswija kbira (konsum intermedju, mhux kopert mill-HICP) (**) jew għall-estensjoni jew il-konverżjoni ta' abitazzjoni (formazzjoni tal-kapital, mhux koperta mill-HICP) (**)

04.4 **Servizz ta' l-ilma u servizzi mixxelanji li għandhom x' jaqsmu ma' l-abitazzjoni**

Tirreferi għal spejjeż separatament identifikabbli għal servizzi speċifiċi li għandhom x' jaqsmu ma' abitazzjoni kemm jekk il-konsumaturi jħallsu skond il-konsum u kemm jekk le, jiġifieri, esklużi l-ħlasijiet għal servizzi finanzjati mit-tassazzjoni ġenerali.

04.4.1 Servizz ta' l-ilma (ND)

– il-provvista ta' l-ilma

Tinkludi: l-ispiża assoċjata bħall-kera tal-miters, qari tal-miters, kontijiet pendenti, eċċ.

Jeskludi: l-ilma tax-xorb mibjugħ fi fliexken jew kontenituri (01.2.2); mishun u fwar mixtri minn impjanti distrettwali tat-tishin (04.5.5).

04.4.2 Ġbir taż-żibel (S)

– il-ġbir u r-rimi ta'l-iskart.

04.4.3 Ġbir tad-dranaġġ (S)

– il-ġbir u r-rimi tad-drenaġġ.

04.4.4 Servizzi oħra li għandhom x' jaqsmu ma' l-abitazzjoni m.i.b. (S)

– spejjeż ko-propjetarji għall-portinaġġ, ġardinaġġ, tindif tat-taraġ, tishin u tidwil, manutenzjoni tal-liftijiet u rampi għar-rimi ta' l-iskart, eċċ, f'kondominji.

– servizzi tas-sigurtà

– tneħħija ta' borra u knis taċ-ċmieni

Jeskludi: servizzi domestiċi bħal tindif ta' twieqi, diżinfestazzjoni, fumigazzjoni u pestiċidju (05.6.2); għassiesa personali (12.7.0).

04.5 **Elettriku, gas u karburanti oħra**

04.5.1 Elettriku (ND) (E)

– elettriku.

Jinkludi: l-ispiża assoċjata bħall-kera tal-miters, qari tal-miters, kontijiet pendenti, eċċ.

04.5.2 Gas (ND) (E)

– gass tal-belt u gass naturali,

– idrokarburi likwifikati (butan, propan, eċċ.).

Tinkludi: l-ispiża assoċjata bħall-kera tal-miters, qari tal-miters, kotenituri għall-ħażna, kontijiet pendenti, eċċ.

04.5.3 Karburanti likwidi (ND) (E)

– żjut għat-tishin u t-tidwil ta' l-abitazzjoni.

04.5.4 Karburanti solidi (ND) (E)

– faħam, coke, briquettes, ħatab, charcoal, peat u prodotti oħra simili.

04.5.5 Enerġija għas-sħana (ND) (E)

– mishun u fwar mixtri minn impjanti distrettwali tat-tishin.

Jinkludi: l-ispiża assoċjata bħall-kera tal-miters, qari tal-miters, kontijiet pendenti, eċċ.; silġ użat għal-iskopijiet tat-tkessiħ u r-refriġerazzjoni.

05 GĦAMARA, TAGĦMIR DOMESTIKU U MANUTENZJONI ORDINARJA TAD-DAR

05.1 **Għamara u arredamenti, tapiti u għata oħra tal-pavimenti**

05.1.1 Għamara u arredamenti (D)

– sodod, sufani, pultruni, mwejjed, siġġijiet, armarji, gradenzi u libreriji.

– tagħmir tad-dawl bħala lampi tas-saqaf, lampi normali, lampi bil-globu u lampi tal-komodina,

– pittura, skultura, inċiżjonijiet, arazzi, u oġġetti oħra ta' l-arti, inklużi r-riproduzz-jonijiet ta' xogħlijiet ta' l-arti u ornamenti oħra,

– paraventi, għata li jingħalaq, għamara u tagħmir integrali ieħor.

Jinkludi: il-provvista u l-istallazzjoni fejn ikun meħtieġ, imtieraħ, saqqijiet, tatamis, gabinetti tal-banju, għamara tat-trabi bħal bennieni, higħ chairs u play-pens, blinds, għamara ta' l-ikkampjar u tal-ġnien, buġiji u gandlieri.

Teskludi: friex u għata kontra x-xemx (05.2.0); kaxxafortijiet (05.3.1); ħġieġ ornamentali u oġġetti taċ-ċeramika (05,40); arloġġi (12.3.1); termometri u barometri ta' mal-ħajt (12.3.2); carry-cots u push chairs (12.3.2); xogħlijiet ta' l-arti u għamara antika akkwistata primarjament bħala konservazzjoni tal-valur (formazzjoni tal-kapital, mhux koperta mill-HICP).

05.1.2 Tapiti u għata oħra tal-pavimenti (D)

– twapet, twapet iffittjati, linoljum u għata ieħor simili ta' l-art.

Jinkludi: tqegħid ta' l-għata fuq l-art.

Teskludi: twapet tal-banju, paljetti tat-tibna u paljetti tal-bieb (05.2.0); għata ta' l-art antik akkwistat primarjament bħala konservazzjoni tal-valur (formazzjoni tal-kapital, mhux kopert mill-HICP).

05.1.3 Tiswija ta' għamara, ta' arrendamenti u ta' għata tal-pavimenti (S)

– tiswija ta' għamara, tagħmir tad-dar u għata ta' l-art

Jinkludi: il-valur totali tas-servizz (jiġifieri kemm il-prezz tax-xogħol u kif ukoll il-prezz tal-materjal huma koperti); ir-restawr ta' xogħlijiet ta' l-arti, l-għamara antika u l-għata ta' l-art antik barra minn dawk akkwistati primarjament bħala konservazzjoni tal-valur (formazzjoni tal-kapital, mhux kopert mill-HICP).

Jeskludi: xiri separat tal-materjali magħmula mill-entitajiet domestiċi bl-intenzjoni li jagħmlu t-tiswija huma stess (05.1.1) jew (05.1.2); dry cleaning tat-twapet (04.6,2,).

05.2 **Drappijiet tad-dar**

05.2.0 Drappijiet tad-dar (SD)

– drappijiet tat-tapizzara, materjal tal-kurtinaġġ, purtieri, purtieri doppji, tined, purtieri tal-bieb u blinds tad-drapp.

– bjankerija tas-sodda, bħal futons, imħaded, riffiedi u brandi.

– bjankerija bħal lożor, investi, kutri, xkavini ta'l-ivvjaġġar, xalel, eiderdowns, gvieret u muskettieri,

– bjankerija tas-sodda u bjankerija tal-banju bħalma ma huma tvalji, srievet, xugamani u xugamani tal-wiċċ.

– oġġetti oħra tad-dar maħduma minn tessili bħalma huma basktijiet tax-xiri, basktijiet għall-ħasla, basktijiet għaż-żraben, għata ta' l-ilbies u l-għamara, bandieri, umbrellel tax-xemx, eċċ.

– tiswija ta' oġġetti bħal dawn.

Jinkludi: drapp mixtri bil-biċċa; inċrajjet; tapiti tal-banju, paljetti tat-tibna u paljetti tal-bieb.

Jeskludi: għata tal-ħajt magħmul mid-drapp (04.3.1); arazzi (05.1.1); għata ta' l-art bħalma huma twapet u twapet iffittjati (05.1.2); kutri ta' l-elettriku (05.3.2); għata tal-katozzi u tal-muturi, eċċ, (07.2.1); imtieraħ ta' l-arja u sleeping bags (0.93.2.).

05.3 **Tagħmir domestiku**

05.3.1/2 Tagħmir domestiku mdaqqas kemm ta' l-elettriku u kemm le, (D)u tagħmir domes-tiku ta' daqs żgħir (SD)

– refriġeraturi, friżers, friġġ-friżers.

– magni tal-ħasil, apparat tat-tnixxif, gabinetti tat-tnixxif, dishwashers, magni tal-mogħdija u tal-pressa,

– cookers, spit roasters, hobs, ranges, fran u fran bil-mikro-onda,

– kondizzjonaturi ta' l-arja, umidifikaturi, space heaters, apparat tal-miṡħun, ventilaturi u ċmieni li jiġbdu l-arja.

– vacuum cleaners, magni li jaħslu bil-fwar, magni li jagħtu xampu lit-twapet u magni li jnaddfu, jagħtu x-xama u jillostraw l-art.

– apparat ieħor kbir tad-dar bħal kaxxafortijiet, magni tal-ħjata, magni tas-suf, water softeners eċċ.,

– imtieħen tal-kafe, maġni tal-kafe, juice extractors, can-openers, food mixers, deep fryers, meat grills, skieken, toasters, magni tal-ġelat, magni tas-sorbet, magni tal-yogurt, hotplates, ħdejjed tal-mogħdija, ktieli, fannijiet, kutri ta' l-elettriku, eċċ.

Jinkludi:il-konsenja u l-istallazzjoni ta'l-apparat fejn ikun meħtieġ

Teskludi: dawk l-apparati li jkunu parti mill-istruttura tal-bini (formazzjoni tal-kapital, mhux koperta mill-HICP) (**); oġġetti żgħar tal-kċina li ma jaħdmux bl-elettriku u utensili tal-kċina (05.4.0); imwieżen tal-kċina (05.4.0); imwieżen tal-persuna u tat-trabi (12.1.3).

05.3.3 It-tiswija ta' tagħmir domestiku (S)

– it-tiswija ta' l-apparat tad-dar.

Jinkludi: il-valur totali tas-servizz tat-tiswija (jiġifieri, kemm il-prezz tax-xogħol kif ukoll il-prezz tal-materjal ikunu koperti) l-ispejjeż għall-kiri ta' apparat tad-dar kbir.

Teskludi: ix-xiri separat tal-materjali li jsir mill-entitajiet domestiċi bl-intenzjoni li jagħmlu t-tiswija huma stess (05.3.1) jew (05.3.2).

05.4 **Oġġetti tal-ħġieġ, oġġetti tal-mejda u utensili tad-dar**

05.4.0 Oġġetti tal-ħġieġ, oġġetti tal-mejda u utensili tad-dar (SD)

– oġġetti tal-ħġieġ, oġġetti tal-kristall, oġġetti taċ-ċeramika u oġġetti taċ-ċaqquf tax-xorta użati fuq il-mejda, fil-kċina, fil-kamra tal-banju, u għat-twaletta, għad-dekorazzjoni ta' l-uffiċċju jew tad-dar.

– għodda tal-kċina, reċipjenti tal-mejda u oġġetti tal-fidda,

– utensili tal-kċina mhux ta' l-elettriku ta' kull materjal bħal kzazel, borom, pressure cookers, twaġen, mtieħen tal-kafe, magni tal-puree, magni tal-kapuljat, hotplates, imwieżen tal-kċina u għodod mekkaniċi simili oħra.

– oġġetti domestiċi mhux ta' l-elettriku ta' kull materjal bħalma huma konteniturі tal-ħobż, tal-kafe, tal-ħwawar, eċċ, reċipjenti għall-iskart, qfief għall-iskart, basktijiet għall-ħasla, karusijiet ta' l-idejn u kaxxa-fortijiet, bsaten tax-xugaman, xtellieri tal-fliexken, ħdejjed u mwejjed tal-mogħdija, kaxxetti ta' l-ittri, fliexken tat-trabi, termosijiet u kaxxi tas-silġ,

– tiswija ta' l-oġġetti ta' din ix-xorta.

Jeskludi: apparat tad-dawl (05.1.1); apparat domestiku ta' l-elettriku (05.3.1) jew (05.3.2); reċipjenti tal-mejda magħmula mill-kartun (05.6.1); imwieżen tal-persuna u mwieżen tat-trabi (12.1.3).

05.5 **Għodda u tagħmir għad-djar u l-ġonna**

05.5.1/2 Għodda u tagħmir imdaqqsa (D) u għodda żgħira u aċċessorji diversi (SD)

- għodod u tagħmir motorizzat bħal apparat elettriku għat-titqib, isserrar, żbir, ħrit, qtugħ ta' ħaxix, ikkultivar, qtugħ ta' siġar, ippumpjar ta' ilma,
- it-tiswija ta' l-oġġetti ta' din ix-xorta.
- għodod ta' l-idejn bħal srieraq, imrietel, tornaviti, wrenches, manilji, tnalji, skieken tat-tinqix, raspi u limi,
- għodod tal-ġnien bħal krieret, laned tat-tisqija, pajpijiet tat-tisqija, pali, xtiebi, furkettuni, mnieġel, mħasad u scateurs.
- slielen u skalapiżi.
- apparat tal-bibien (ċappetti, manilji u lokkijiet), apparat għar-radjaturi u l-fuklari, oġġetti oħra domestiċi tal-metall (bsaten tal-purtieri, vireg tat-tapiti, ganċijiet, eċċ) jew għall-ġnien (siġġijiet, gradilji, segmenti ta' zkuk u ċrieki għall-istekkat u l-borduri.
- aċċessorji żgħar ta' l-elettriku bħalma huma sokits tad-dawl, swiċċijiet, fleks, bozoz, tubi tad-dawl, torċi, flaxxlajts, lampi ta' l-idejn, batteriji elettriċi għall-użu ġenerali, qniepen u alarms.
- tiswija ta' l-oġġetti ta' din ix-xorta.

Tinkludi: spejjeż għall-kiri ta' makkinarju u apparat do-it yourself.

05.6 **Merkanzija u servizzi għall-manutenzjoni ordinarja tad-djar.**

05.6.1 Merkanzija domestika ta' konsum (ND)

- il-prodotti tat-tindif u l-manutenzjoni bħal sapun, trab tal-ħasil, likwidu tal-ħasil, trab ta' l-għorik, detersenti, bliċ diżinfettanti, softeners, conditioners, prodotti għat-tindif tat-twieqi, xama', lostri, kuluri, aġenti biex tiżblokka, diżinfettanti, insettiċċidi, funġiċidi u ilma distillat.
- oġġetti tat-tindif bħal xkupi, broxkijiet, pali u xkupilji tal-knis, biċċiet tat-tfarfir, xugamani, biċċiet ta' l-art, sponoż tad-dar, barraxi, steel wool u kamoxxi.
- prodotti tal-karta bħal filtri, tvalji u srievet, karti tal-kċina, karti tal-vacuum cleaner u reċipjenti tal-kartun, inklużi ta' l-aluminju u boroż tal-plastika għall-landi taż-żibel.
- oġġetti oħra tad-dar li ma jservux fit-tul bħal sulfarini, xemgħa, ftejjel tal-lampi, spirtu metiliku, labar ta' l-inxir, spallieri, labar, labar tas-sarwal, labar tal-ħjata, labar tas-suf, ħoloq, imsiemer, viti, skorfini u boltijiet, takki, woxers, kolol u tejp adesiv għall-użu fid-dar, spag, ħajt u ingwanti tal-lastku.

Jinkludi: lostri, kremi u oġġetti oħra għat-tindif taż-żraben.

Jeskludi: prodotti ortokulturali għall-manutenzjoni tal-ġonna ornamentali (09.3.3); imkatar tal-karti, toilet paper, sapun tat-twaletta, sponoż tat-twaletta u prodotti oħra għall-indafa personali (12.1.3).

05.6.2 Servizzi domestiċi u qadi fid-djar (S)

- servizzi domestiċi mogħtija minn personal imħallas impjegat għal qadi privat bħalma huma dawk ta' servjenti, koki, sefturi, sewwieqa, ġardinara, governatriċi, segretarji, għalliema u au pairs,
- servizzi simili, inklużi dawk ta' baby sitter u xogħol ta' faċendi tad-dar, provduti minn intrapariżi jew persuni għal rashom,
- servizzi domestiċi bħal tindif ta' twieqi, diżinfestazzjoni, fumigazzjoni u pestiċidju
- dry-cleaning, ħasil u żeba' tal-bjankerija tad-dar, tessili tad-dar u twapet.
- kiri ta' għamara, tagħmir, twapet, apparat tad-dar u bjankerija tad-dar.

Jeskludi: dry-cleaning, ħasil u żeba' ta' ħwejjeġ (03.1.3); ġbir ta' skart (04.4.2); ġbir ta' drenaġġ (04.4.3); spejjeż ko-propjetarji ta' portinaġġ, ġardinaġġ, tindif tat-taraġ, tisħin u tidwil, manutenzjoni tal-liftijiet u rampi ta' l-iskart, eċċ. f'kondominji (04.4.4); servizzi ta' sigurtà (04.4.4); tneħħija ta' borra u knis ta' ċmieni (04.4.4); servizzi ta' ġarr u magazzinaġġ (07.3.6); servizzi ta' mreddgħa, creches, asili tat-tfal waqt ix-xogħol (12.4.0); għassiesa personali (12.7.0) u ċentri oħra simili

06 SAĦĦA

Din it-taqsima tinkludi wkoll servizzi tas-saħħa akkwistati minn ċentri tas-saħħa fl-iskola u fl-universita.

06.1 **Prodotti, tagħmir u apparat mediku**

Dan il-grupp ikopri mediċini, proteżi, apparat u tagħmir mediku u prodotti oħra li għandhom x'jaqsmu mixtrija minn individwi jew entitajiet domestiċi, bir-riċetta jew mingħajrha, ġeneralment min għand spiżjara prattikanti, spiżjara jew provedituri ta' tagħmir mediku. Dawn ikunu intiżi għall-konsum jew l-użu barra faċilitajiet jew istituzzjonjiet tas-saħħa. Dawn il-prodotti provduti direttament lil pazjenti esterni minn professjonisti mediċi, dentali jew paramediċi jew lil pażjenti interni ġo sptarijiet u mkejjen oħra ta' din ix-xorta huma inklużi ma' servizzi għall-pazjenti esterni (06.2) jew ma' servizzi ta' sptar: (06.3)(12).

06.1.1 Prodotti farmaċewtiċi (ND)

– preparati mediċinali, drogi mediċinali, mediċini tad-ditti, serums u vaċċini, vitamini u minerali. żejt tal-bakkaljaw u żejt tal-ħalibatt, kontraċettivi orali.

Jeskludi: prodotti veterinarji (09.3.4); oġġetti għall-indafa personali bħas-sapun mediċinali (12.1.3).

06.1.2/3 Prodotti oħrajn mediċi, tagħmir u apparat terapewtiku. (ND)

– termometri kliniċi, faxex adesivi u m'humiex, siringi ipodermiċi, settijiet ta' l-ewwel għajnuna, kontenituri tal-miżhun u boroż tas-silġ, oġġetti elastikati ta' maljerija medika bħal kalzetti u sapport għall-irkoppa, testijiet tat-tqala, kondoms u mezzi kontraċettivi mekkaniċi oħra.

– lentijiet ottiċi korrettivi u contact lenses, apparat tas-smiegħ, għajnejn tal-ħġieġ, partijiet artifiċjali tal-ġisem u apparat prostetiku ieħor, braces u sospensorji ortopediċi, xedd ortopediku tar-riġel, ċinturini kirurġiċi, busses u supports, taranti ta' l-għonq, tagħmir għall-massaġġi mediċi u lampi sanitarji, siġġijiet tar-roti bil-mutur jew bla mutur u karrozzi ta' l-invalidi, sodod "speċjali", krozzi, apparat elettroniku u ta' xorta oħra għall-monitoraġġ tal-pressjoni, eċċ.

– it-tiswija ta' l-oġġetti ta' din ix-xorta.

Jinkludi: dentaturi iżda mhux il-prezz ta'l-iffittjar.

Jeskludi: kiri ta' tagħmir terapewtiku (06.3.2). nuċċalijiet protettivi, ċintorini u sospensorji li jintużaw għall-isport (09.3.2); nuċċalijiet tax-xemx li fihom ma jkunux imwaħħla lentijiet korrettivi (12.3.2).

06.2 **Servizz tal-pazjent mhux residenti**

Dan il-grupp ikopri servizzi mediċi, dentali u paramediċi li jingħataw lil pazjenti esterni minn professjonisti u awżiljari mediċi, dentali u paramediċi. Dawn is-servizi jistgħu jingħataw fid-dar, ġo faċilitajiet ta' konsulenza individwali jew kollettiva, fi spiżeriji jew kliniċi għall-pazjenti esterni ta' l-isptarijiet u f'imkejjen ta' din ix-xorta.

Is-servizzi għall-pazjenti esterni jinkludi mediċini, proteżi, apparat u tagħmir mediku u prodotti oħra relatati mas-saħħa provduti direttament lil pazjenti esterni minn professjonisti u awżiljari mediċi, dentali u paramediċi.

Is-servizzi mediċi, dentali u paramediċi provduti lil pazjenti interni fi sptarijiet u mkejjen simili jiġu inkluzi fis-servizzi ta' sptar (13) (06,3) (*).

06.2.1/3 Servizzi mediċi u paramediċi (S)

– konsulti minn professuri b' mod ġenerali jew minn speċjalisti.

– servizzi ta' laboratorji ta' l-analiżi medika u ta' ċentri ta' l-x-ray.

– servizzi ta' infermiera u qwiebel li jaħdmu għal rashom,

– servizzi ta' akupunturisti, kiroprattċi, optometristi, fiżjoterapisti, u terapisti tad-diskors li jaħdmu għal rashom, eċċ.

– terapija ġinnastika korrettiva preskritta medikalment,

– kura lill-pazjenti esterni fil-banjijiet termali jew fl-ilma baħar,

– servizzi ta' ambulanza,

– kiri ta' apparat terapewtiku.

Tinkludi: servizzi ta' speċjalisti ortodontiċi.

06.2.2 Servizzi dentali (S)

– servizzi ta' dentisti, iġjenisti tal-ħalq u awżiljari oħra tad-dentistrija.

Jinkludi: spejjeż għall-iffittjar ta' dentaturi.

Jeskludi: dentaturi (06.1.3); servizzi ta' speċjalisti ortodontiċi (06.1.2); servizzi ta' laboratorji ta' l-analiżi mediku u ċentri ta' l-x-ray (06.2.3).

06.3 **Servizzi ta' sptar** (*)

L-ospitalizzazzjoni hija definita bħala dik li sseħħ meta pazjent jiġi akkomodat fi sptar sakemm iddum il-kura. Kura ta' sptar matul il-ġurnata jew ibbażata fid-dar hija inkluża kif ukoll il-kura f l-ospizji tal mard terminali.

Dan il-grupp ikopri s-servizzi ta' sptarijiet ġenerali u speċjalizzati, is-servizzi ta' ċentri mediċi, ċentri tal-maternità, djar għall-kura u djar tal-konvalexxenza li prinċipalment jipprovdu kura tas-saħħa għall-pazjenti interni, is-servizz ta' isitituzzjonijiet li jservu l-anzjani fejn il-monitoraġġ mediku jkun komponent essenzali u servizzi ta' ċentri ta' rijabilitazzjoni li jipprovdu kura medika lil pazjenti interni u terapija rijabilitattiva fejn l-għan ikun dak li jfejjaq lil-pazjent aktar milli jissapportjah fit-tul.

L-isptarijiet huma definiti bħala istituzzjonijiet li joffru kura lil pazjent intern taħt is-sorveljanza diretta ta' tobba ikkwalifikati. Ċentri mediċi, ċentri tal-maternità, djar għall-kura u djar għall-konvalexxenza jipprovdu wkoll kura lil pażjenti interni iżda s-servizzi tagħhom ikunu sorveljati u spiss mogħtija minn persunnal ta' kwalifika inferjuri minn dik ta' tabib.

Dan il-grupp ma jkoprix is-servizzi ta' faċilitajiet bħal kliniċi tal-kirurġija u spiżeriji, orjentati esklussivament għall-kura tal-pazjenti esterni. Ma tinkludix wkoll is-servizzi fi djar tal-mistrieħ għall-anzjani; istituzzjonijiet għal persunib' diżabilità u ċentri ta' rijabilitazzjoni li jipprovdu primarjament appoġġ fit-tul (12.4).

06.3.0 Servizzi ta' sptar (*) (S)

– Is-servizzi ta' sptar ikun fihom il-provvista ta' dawn is-servizzi li ġejjin lil pazjenti interni ta' sptar:

  – is-servizzi bażiċi: l-amministrazzjoni; l-akkomodazzjoni; l-ikel u x-xorb; is-sorveljanza u l-kura minn personnal mhux speċjalizzat (infermiera awżiljari); l-ewwel għajnuna u r-risuxxitazzjoni; is-servizzi ta' ambulanza; il-provvista ta' mediċini u prodotti oħra farmaċewtiċi; il-provvista ta' apparat u tagħmir terapewtiku,

  – is-servizzi mediċi: is-servizzi ta' professuri in ġenerali jew il-prattika ta' speċjalisti, ta' kirurgi u ta' dentisti; l-analiżi mediku ta' x-ray; is-servizzi paramediċi bħalma huma infermieri, qwiebel, kiropratiċi, optometristi, fiżjoterapisti, u terapisti tad-diskors, eċċ.

07 TRASPORT

07.1 **Xiri ta' Vetturi**

Ix-xiri jkopri x-xiri minn entitajiet domestiċi ta' karozzi ġodda u x-xiri, minn entitajiet domestiċi ta' karozza diġa użati minn setturi oħra istituzzjonali, li jkunu tipikament ġaraxxijiet u negozjanti tal-karozzi. Il-bejgħ ta' karozzi użati bejn l-entitajiet domestiċi mhux kopert.

Ix-xiri huwa l-bejgħ nett minn entitajiet domestiċi ta' karozzi diġa użati lil setturi istituzzjonali oħra. L-Istati Membri jistgħu jieħdu jew:

(i) il-piż nett tal-karozzi l-ġodda (il-piż gross nieqes il-valur waqt it-tpartit tal-karozzi użati) u l-piż nett għall-karozzi diġa użati, jew

(ii) il-piż gross tal-karozzi l-ġodda (bla ma jitqies il-valur waqt it-tpartit tal-karozzi użati) u l-piż nett tal-karozzi użati inkluż il-marġini maqlugħ mis-settur tan-negozju fit-tpartit

Ix-xiri jkopri wkoll ix-xiri permezz ta' arranġamenti ta' kiri finanzjarju.

Ix-xiri ta' karozzi tar-rikrejazzjoni bħalma huma camper vans, karavans, trailers, ajruplani u dgħajjes huwa kopert minn (09.2.1).

07.1.1 Vetturi tal-mutur (D)

– karozzi ġodda, vannijiet tal-passiġġieri, station wagons, estate cars u oħrajn ta' din ix-xorta kemm jekk jingaġġaw fuq żewġ roti jekk kemm fuq erba'.

– karozzi użati, vannijiet tal-passiġġieri, station wagons, estate cars u oħrajn kemm tax-xorta li jingaġġaw fuq żewġ roti kif ukoll dawk ta' fuq erba'.

Jeskludi: karrozzi għall-invalidi (06.1.3); camper vans (09.2.1); golf carts (09.2.1).

07.1.2/3/4 Ċiklo muturi, biċikletti, u karrijiet miġbuda mill-annimali (D)

– muturi ta' kull tip, skuters u roti bil-mutur,

– roti u tricylcles ta' kull tip,

– karozzi miġbuda minn annimali.

Jinkludi: side cars, snowmobiles; rickshaws; annimali meħtieġa biex jiġbdu l-karozzi u tagħmir relatat (mad-mad, kullari, arnesijiet, brilji, riedni, eċċ.).

Jeskludi: karozzi ta' l-invalidi (06.1.3); golf carts (09.2.1); roti u tricycles tal-logħob (09.3.1); żwiemel u ponijiet., karozzi miġbuda minn żwiemel u ponijiet u apparat relatat mixtri għal skop ta' rikrejazzjoni (09.2.1).

07.2 **Tħaddim ta' tagħmir ta' trasport personali**

Xiri ta' partijiet, aċċessorji jew lubrikanti li jkun sar minn entitajiet domestici bl-intenzjoni li jagħmlu x-xogħol tal-manutenzjoni u t-tiswija jew l-interventi huma stess għandhom jidhru taħt (07.2.1) jew (072.2). Jekk entitajiet domestiċi iħallsu lil intrapriża biex jagħmlu l-manutenzjoni, it-tiswija, jew l-iffittjar, il-valur totali tas-servizz inklużi l-ispejjeż tal-materjali użati, iridu jintwerew taħt (07.2.3).

07.2.1 Partijiet ta' rikambju u aċċessorji għal-tagħmir ta' trasport personali (SD)

– tyres (ġodda, użati jew ittrattati mill-ġdid), tubi ta' ġewwa, spark plugs, batteriji, shock absorbers, filtri, pompi u partijiet oħra jew aċċessorji għall-inġenji personali tat-trasport.

Jinkludi: prodotti li jintużaw speċifikament għat-tindif u l-manutenzjoni ta' l-inġenji tat-trasport bħalma huma żebgħa, chrome cleaners, sealing compounds u bodywork polishes; covers għal-karozzi, muturi, eċċ.

Jeskludi: elmi kontra l-inċidenti għall-muturu u għar-roti (03.1.3); prodotti mhux speċifiċi għat-tindif u l-manutenzjoni bħalma huma ilma distillat, sponoż tad-dar, kamoxxi, deterġenti, eċċ. (05.6.1); spejjeż għall-iffittjar tal-partijiet u l-aċċessorji u għaż-żeba', il-ħasil u l-illustrar tal-bodywork. (07.2.3); telefoni tar-radjo (08.2.0; radjijiet tal-karozzi (09.1.1); siġġijiet tat-tarbija għall-karozza (12.3.2).

07.2.2 Karburanti u lubrikanti għat-tagħmir ta' trasport personali (ND) (E)

– petrol u karburanti oħra bħad-diesel, gass tal-pitrolju likwidu, alkol u taħlitiet għat-two-stroke,

– lubrikanti, fluwidi għall-brejkijiet u t-trasmissjoni, coolants u additivi.

Jinkludi: fuel għal għodod u inġenji kbar koperti taħt (05.5.1) u karozzi tar-rikrejazzjoni koperti taħt (09.2.1).

Jeskludi: spejjeż għall-bdil ta' żejt u għall-iggriżjar (07.2.23).

07.2.3 Manutenzjoni u t-tiswija tat-tagħmir tat-trasport personali (S)

– servizzi mixtrija għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' inġenji tat-trasport personali bħal iffittjar ta' partijiet u aċċessorji, ibbilanċjar ta' roti, spezzjoni teknika, servizzi għal meta tieqaf, bdil ta' żejt, iġġriżjar u ħasil.

Jinkludi: il-valur totali tas-servizz tat-tiswija (jiġifieri, kemm il-prezz tax-xogħol kif ukoll il-prezz tal-materjal huma koperti).

Jeskludi: xiri separat ta' partijiet, aċċessorji jew lubrikanti magħmul minn entitajiet domestici bl-intenzjoni li jagħmlu x-xogħol tal-manutenzjoni u tiswija huma stess (07.2.1) jew (07.2.2); testijiet dwar il-kondizzjoni tal-karrozza fis-sewqan (07.2.4).

07.2.4 Servizzi oħrajn fir-rigward tat-tagħmir tat-trasport personali (S)

Wara l-konvenzjonijiet ta' l-ESA 1995, hawn inklużi jinsabu l-ħlasijiet minn entitajiet domestiċi għal liċenzi, permessi, eċċ li huma meqjusa bħala xiri ta' servizzi minn għand il-gvern (ESA 1995, paragrafu 3.76.h). F'dak il-każ il-gvern joħroġ il-liċenzi bħala parti minn xi funzjoni regolatorja, bħall-iċċekkjar tal-kompetenza, jew il-kwalifiki, tal-persuni konċernati (ESA 1995, paragrafu 4.80.d u n-nota tagħha).

– kiri ta' garaxxijiet u spazji għall-parkeġġ li ma jiprovdux parkeġġ f'konnessjoni ma' abitazzjoni.

– faċilitajiet ta'toll (pontijiet, mini, laneċ tal-pass, awtostradi) u miters tal-park-eġġ,

– lezzjonijiet tas-sewqan, testijiet tas-sewqan u liċenzi tas-sewqan,

– testijiet dwar il-kondizzjoni tal-karozza fis-sewqan,

– kiri ta' inġenji tat-trasport personali.

Jeskludi: kiri ta' karożżi bis-sewwieq magħhom (07.3.2); spejjeż għall-assigurazzjoni ta' inġenji ta' trasport personali (12.5.4).

07.3 **Servizzi tat-trasport**

Ix-xiri ta' servizzi ta' trasport huma ġeneralament ikklassifikati skond il-mod tat-trasport. Meta l-biljett ikopri żewġ modi jew aktar ta' trasport – per eżempju, xarabank inter-urbana u metro jew tren inter-urban u lanċa – u l-ispiża tkun tista' tinqasam bejniethom, f'każi bħal dawk ix-xirjiet għandhom jiġui kklassifikati taħt (07.3.5).

Spejjeż ta' ikel, kolazzjoni, xarbiet, rinfreskanti u servizzi ta' akkomodazzjoni għandhom jiġu inklużi jekk ikunu koperti mill-ħlas tat-tariffa u l-prezz ma jkunx separat. Jekk il-prezz ikun separat, dawn l-ispejjeż għandhom jiġu kklassifikati taħt id-Diviżjoni 11.

Is-servizzi ta' trasport għall-iskejjel huma inklużi, iżda s-servizzi ta' ambulanza huma esklużi (06.2.3).

07.3.1 Trasport tal-passiġġieri bit-ferrovija.

– It-trasport ta' individwi u gruppi ta' persuni u l-valiġġa bit-tren, tramm u l-metro.

Jinkludi: trasport ta' karozzi privati.

Jeskludi: trasport bil-funikular (07.3.6).

07.3.2 Trasport tal-passiġġieri fuq it-triq (S).

– Trasport ta' individwi u gruppi ta' persuni u l-valiġġa bil-kowċ, taksi u karozzi mikrija bis-sewwieq.

07.3.3 Trasport tal-passiġġieri bl-ajru (S).

– It-trasport ta' individwi u gruppi ta' persuni u l-valiġġa bl-ajruplan u l-ħelikopter.

07.3.4 Trasport tal-passiġġieri fuq il-baħar u fuq il-kanali interni(S)

– It-trasport ta' individwi u gruppi ta' persuni u l-valiġġa bil-baħar, dgħajjes, laneċ, ħoverkraft o u haidrofojl.

Jinkludi: trasport ta' karozzi privati.

07.3.5 Trasport tal-passiġġieri ikkombinat (S)

– Trasport ta' individwi u gruppi ta' persuni u l-valiġġa permezz ta' żewġ modi jew aktar ta' trasport meta l-ispiża ma tistax tiġi maqsuma bejniethom.

Jinkludi: trasport permezz ta' karozzi privati.

Jeskludi: il-vaganzi b' kollox imħallas (09.60).

07.3.6 Servizzi oħra tat-trasport imħallas (S)

– funikular, traspot bil-funikular u funivija,

– servizzi ta' ġarr u magazzinaġġ,

– servizzi ta' purtinar u magazzinaġġ ta' valiġġa u spedizzjoni ta' valiġġa,

– kumissjonijiet ta' l-aġenti ta'l-ivvjaġġar, jekk il-prezz ikun maħruġ separat.

Jeskludi: funikular u trasport bil-funivija f' milqgħa ta' l-iskijar u ċ-ċentri tal-vaganzi (09.41).

08 KOMUNIKAZZJONI

08.1 **Servizzi postali**

08.1.0 Servizzi postali (S)

– ħlasijiet għal twassil ta' ittri, kartolini u pakketti,

– posta privata u twassil ta' pakketti.

Jinkludi: ix-xiri kollu ta' bolli postali ġodda, kartolini ttimbrati minn qabel u ajrugrammi.

Teskludi: xiri ta' bolli postali użati kkanċellati (09.3.1); servizzi finanzjarji mill-uffiċċji postali (12.6.2).

08.x **Tagħmir tat-telefonija u t-telefax u servizzi tat-telefonija u telefax**

08.2/3.0 Tagħmir tat-telefonija u telefax u servizzi tat-telefonija u telefax ([1])

– xiri ta' apparat tat-telefon, radjo-telefon, u telefax, apparat li jwieġeb it-telefon u loudspeakers tat-telefon (08.2.0).

– tiswija ta' oġġetti ta' din ix-xorta (08.2.0).

– spejjeż ta' istallazzjoni u abbonament ta' apparat tat-telefon personali (08.3.0).

– sejħiet tat-telefon minn linja privata jew minn linja pubblika (kjosk tat-telefon pubbliku, kabina tal-posta, eċċ.); sejħiet tat-telefon minn lukandi, kafejiet, restoranti u oħrajn ta' l-istess xorta (08.3.0),

– servizzi ta' telegrafu, telex u telefax (08.3.0),

– servizzi ta' trasmissjoni ta' informazzjoni; servizzi ta' konnessjoni bl-internet (08.3.0),

– kiri ta' apparat tat-telefon, telefax, apparat li jwieġeb it-telefon u loudspeakers tat-telefon (08.3.0).

Jinkludi: servizzi tar-radjotelefonija, radjotelegrafija u radioteleks.

Jeskludi: faċilitajiet ta' tweġib tat-telefax u t-telefon basta minn kompjuters personali (09.1.3).

09 RIKREAZZJONI U KULTURA

09.1 **Tagħmir awdjo-viżiv, fotografiku u li jipproċessa l-informazzjoni**

09.1.1 Tagħmir biex jiġu rċevuti, reġistrati u riprodotti il-ħoss u l-immaġini(D)

– settijiet tat-televiżjoni, video-cassette players u recorders, aerials tat-televiżjoni ta' kull tip,

– settijiet tat-radju, radjijiet tal-karozza, arloġġi bir-radju, radju reċiproku, amateur radioreceivers u trasmettituri,

([1]) L-Istati Membri li jkunu kapaċi jisseparaw 08.2/3.0 f'oġġetti (08.2.0) u servizzi (08.3.0) għandhom jitrasmettu dawk l-indiċjiet kif ukoll l-indiċi kombinat (08.2/3.0).

– gramophones, tape players u recorders, cassette players u recorders, CD players, personal stereos, stero systems u l-unitajiet kostitwenti tagħhom (turntables, tuners, amplifiers, speakers, eċċ), mikrofoni u earphones.

Jeskludi: video cameras, cam-corders u sound recording cameras (09.1.2).

09.1.2 Tagħmir fotografiku u ċinematografiku u strumenti ottiċi (D)

– still cameras, movie cameras u sound recording cameras, video cameras u cam corders, film u slide projectors, enlargers u tagħmir għall-ipproċessar tal-films, aċċessorji (screens, viewers, lentijiet, flash attachments, filtri, exposure meters, eċċ.),

– trombi, mikroskopji, teleskopji u boxxli.

09.1.3 Tagħmir għall-ipproċessar ta' l-informazzjoni (D)

– kompjuters personali u unitajiet li juru l-immaġni viżiva, printers u aċċessorji varji li jmorru magħhom,

– kalkolaturi, inklużi l-kalkolaturi tal-but,

– typewriters u word processors.

Jinkludi: faċilitajiet ta' tweġib tat-telefax u t-telefon basta minn kompjuters personali.

Jeskludi: video games software (09.3.1); video games computers li jipplaggjaw f'sett tat-televiżjoni (09.3.1); kurdiċelli tat-typrewiters (09.5.4); rigi kalkolatriċi (09.5.4).

09.1.4 Mezzi ta' reġistrazzjoni (SD)

– rekords u Compact disks,

– pre-recorded tapes, cassettes, video cassettes, diskettes u CD-ROMS għat-tape recorders, cassette recorders, video recorders u kompjuters personali,

– tejps mhux irrekordjati, cassettes, video cassettes, diskettes u CD ROMS għat-tape recorders, cassette recorders, video recorders u kompjuters personali,

– films mhux esposti, cartridges u diski għall-użu fotografiku ċinematografiku.

Jinkludi: provvisti fotografiċi bħalma huma karta u flash bulbs; films mhux esposti li l-prezz tagħhom jinkludi l-prezz ta' l-ipproċessar bla ma dan jiġi speċifikat b'mod separat.

Jeskludi: batteriji (05.5.2); kompjuter software (09.1.3); video game software, video game cassettes u video game CD-ROMS (09.3.1); żviluppar ta' films u pprintjar ta' fotografiji (09,4,).

09.1.5 Tiswija ta' tagħmir awdjo-viżiv, fotografiku u li jipproċessa l-informazzjoni

– tiswija ta' tagħmir ta' l-ipproċessar awdjo-viżiv u fotografiku u ta'l-informazzjoni

Jinkludi il-valur totali tas-servizz tat-tiswija (jiġifieri, kemm il-prezz tax-xogħol kif ukoll il-prezz tal-materjali huma koperti).

Jeskludi: ix-xiri separat tal-materjali li jsir mill-entitajiet domestiċi bl-intenzjoni li jagħmlu t-tiswija huma stess (09.1.1) jew (09.1.2) jew (09.1.3).

09.2 **Tagħmir permanenti ieħor imdaqqas għar-rikrejazzjoni u kultura**

09.2.1/2 Tagħmir permanenti ieħor imdaqqas għal-rikrejazzjoni ta' barra u ta' ġewwa inkl-użi l-istrumenti mużikali. (D)

– camper vans, karavans u trejlers,

– ajruplani, ajruplani microlight, gliders, hand gliders u mongolfieri,

– dgħajjes, muturi outboard, qala', armar tad-dgħajjes u sovra-strutturi.

– żwiemel u ponijiet, karozzi miġbuda miż-żwiemel u mill-ponijiet u tagħmir relatat (arnesijiet, brilji, riedni, sarġijiet, eċċ.).

– oġġetti kbar għal-logħob u għall-isport bħalma huma kenuri, kajjikki, wind serfers, apparat għall-għaddasa u karretti tal-golf.

– strumenti mużikali ta' kull daqs, inklużi strumenti mużikali elettroniċi, bħalma huma pjanijiet, orgnijiet, vjolini, kitarri, tnabar, kurunetti, klarinetti, flawtijiet, rikorders, orgnijiet tal-ħalq,

– imwejjed tal-biljard, imwejjed tal-ping-pong, magni tal-pin table, magni tal-logħob, eċċ.

Jinkludi: iffittjar tad-dgħajjes, kamper vans u karavans, eċċ.

Jeskludi: żwiemel u ponijiet, karozzi miġbuda miż-żwiemel u ponijiet u tagħmir relatat mixtri għat-traport personali (07.1.4); ġugraelli (09.3.1); dgħajjes, raftijiet u pixxini li jintefħu (09.3.2).

09.2.3 Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir ieħor mdaqqas permanenti għar-rikreazzjoni u kultura (S)

– il-manutenzjoni u t-tiswija ta' oġġetti kbar oħra li jservu fit-tul għar-rikrejazzjoni u l-kultura

Jinkludi: il-valur totali tas-servizzi (jiġifieri, kemm il-prezz tax-xogħol kif ukoll il-prezz tal-materjali huma koperti); il-magazzinaġġ għax-xitwa tad-dgħajjes, camper vans u karavans, eċċ., is-servizzi ta' ħangar għall-ajruplani privati, is-servizzi ta' marina għad-dgħajjes.

Jeskludi: il-fuel għal karozzi tar-rikrejazzjoni (07.2.2); ix-xiri separat tal-materjali li jsir mill-entitajiet domestiċi bl-intenzjoni li jagħmlu t-tiswija huma stess (09.2.1) jew (09,2.2); is-servizzi veterinarji (09.3.5).

09.3 **Oġġetti u tagħmir ieħor ta' rikreazzjoni, tal-ġonna u ta' l-annimali domes-tiċi**

09.3.1 Logħbiet, ġugarelli u oġġetti tad-delizzju (SD)

– logħob tal-karti, logħob tas-salott, settijiet taċ-ċess u affarijiet simili.

– ġugarelli ta' kull xorta inklużi pupi, ġuġgarelli rotob, karozzi u treni tal-logħob, roti u tricycles tal-logħob, settijiet tal-kostruzzjoni, puzzles, plastiċine, logħob elettroniku, maskli, travestimenti tal-logħob, ċajt, novitajiet, logħob tan-nar u murtali, festuni u dekorazzjonijeit tas-siġra tal-Milied,

– rekwiżiti għat-tiġmigħ tal-bolli (bolli postali użati jew ikkanċellati, albums tal-bolli, eċċ.), oġġetti oħra tal-kollezzjoni (muniti, medalji, minerali, eżemplari żoloġiċi u botaniċi, eċċ.) u għodod jew oġġetti oħra (tad-delizzju).

Tinkludi: software għall-video-game; kompjuters tal-video-game li jiġu pplaggjati fit-televiżjoni; video-game cassettes u video-game CD-ROMS.

Jeskludi: oġġetti preġjati tal-kollezzjoni li jaqgħu fil-kategorija ta' xogħlijiet ta' l-arti jew antikità (05.1.1); bolli mhux użati (08.1.0); siġar tal-Milied (09.3.3); scrapbooks tat-tfal (09.5.1).

09.3.2 Tagħmir għall-isport, camping u rikreazzjoni fl-arja aperta (SD)

– Apparat għall-edukazzjoni fiżika u għall-isport bħalma huma blalen, shuttlecocks, xbieki, rackets, bats, skis, golf clubs, foils, xwabel, arbli, piżijiet, discuses, javelins, bum-bells, chest expanders u apparat ieħor tal-body building,

– blalen ta' l-arja u apparat ieħor ta' qbiż mill-ajru,

– armi u munizzjon għall-kaċċa, l-isport u l-protezzjoni personali,

– qasab tas-sajd u apparat ieħor tas-sajd,

– apparat għal fuq ix-xatt u għal-logħob fil-beraħ bħalma huma boċċi, croquet, frisbee, volleyball u dgħajjes, raftijiet u pixxini li jintefħu,

– apparat ta' l-ikkampjar bħalma huma tined u l-aċċessorji tagħhom, sleping bags, boroż ta' mad-dahar, imtieraħ ta' l-arja u pompi ta' l-arja, spiritieri ta' l-ikkampjar u barbeques,

– it-tiswija ta' l-oġġetti ta' din ix-xorta.

Tinkludi: żraben sepċifiċi għal ċertu logħob (żraben ta' l-iskis, żraben tal-futbol, żraben tal-golf u żraben simili iffittjati bl-iskejz, rotelli, imsiemer, stażżijiet, eċċ.); xedd ir-ras użat fl-isports għall-protezzjoni; ilbies ieħor protettiv għal-isports bħal ġgieget tas-salvataġġ, ingwanti tal-boksing, ikkuttunar protettiv għall-ġisem, ilqugħ għall-qasba tas-sieq, nuċċalijiet ta' l-għawm, ċinturini, sospensorji, eċċ.

Jeskludi: elmi protettivi għall-muturi u r-roti (03.1.3); għamara ta' l-ikkampjar u għamara tal-ġonna.(05.1.1).

09.3.3 Ġonna, pjanti u fjuri (ND)

– Fjuri naturali u artifiċjali u foljam, pjanti, xtieli, basal, tuberi, żrieragħ, fertilizzanti, kompost, terriċċju tal-ġonna, turf għal-lawns, ħamrija ttrattata speċifikament għall-ġonna ornamentali, preparati ortikulturali, qsari u kontenituri tal-qsari.

Jinkludi: Siġar tal-Milied naturali u artifiċjali; l-ispejjeż għall-kunsinna ta' fjuri u pjanti.

Jeskludi: l-ingwanti tal-ġardinaġġ (03.1.3); is-servizzi tal-ġardinaġġ (04.4,4) jew (05.5.2); apparat tal-ġardinaġġ (05.5,1); għodod tal-ġardinaġġ (05.2.2).

09.3.4/5 Annimali domestiċi u prodotti relatati inklużi servizzi veterinarji u oħrajn għali-hom (ND)

– ikel ta' l-annimali tad-dar, prodotti veterinarji u dawk għat-tindif ta' l-annimali tad-dar, kullari, ċineg, kennels, gaġeġ ta' l-għasafar, vaski tal-ħut, kaxxi fejn iħammeġ il-qattus, eċċ.,

– servizzi veterinarji u servizzi oħra għall-annimali tad-dar bħal tindif, alloġġjar, immarkar u taħriġ.

Jeskludi: iż-żwiemel u l-ponijiet (07.1.4) jew (09.2.1).

09.4 **Servizzi rikrejattivi u kulturali**

09.4.1 Servizzi rikrejattivi u sportivi (S)

– servizzi provduti minn:

  – stadia ta' l-isport, korsi tat-tiġrjiet taż-żwiemel, ċirki tat-tiġrijiet tal-karozzi, velodromi, eċċ.,

  – rinks għall-iskejzjar, pixxini, golf couses, gymnasia, ċentri tas-saħħa fiżika, tennis courts, squash courts u bowling alleys,

  – il-fieri u l-parkijiet tad-divertiment

  – karuselli, ċaqlembuti u faċilitajiet oħra tal-postijiet ta' rikrejazzjoni tat-tfal,

  – pin-ball machines u logħbiet oħra għall-adulti minbarra logħob ieħor ta' l-azzard,

  – rampi ta' l-iskijar, funiviji u oħrajn ta' din ix-xorta,

– il-kiri ta' tagħmir u aċċessorji għall-isport u r-rikrejazzjoni, bħalma huma ajruplani, dgħajjes, żwiemel, apparat ta' l-iskijar u l-ikkampjar.

– lezzjonijet individwali barra l-iskola jew lezzjonijiet fi gruppi dwar il-brigde, iċ-ċess, l-aerobika, iż-żfin, il-mużika, l-iskejzjar, l-skijar, l-għawm u passatempi oħra,

– is-servizzi ta' gwida tal-muntanji, gwida tat-turiżmu, eċċ.,

– servizzi tan-navigazzjoni waqt l-ibburdjar.

Jinkludi: il-kiri ta' żraben għal-logħob speċifiku (żraben ta' l-iskijar, żraben tal-futbol, żraben tal-golf u żraben oħra simili iffittjati bl-iskejz tas-siġ, rotelli, imsiemer, stażżijiet eċċ.).

Teskludi: trasport bil-funikular u bil-funivija f'risorts ta' l-iskijar u ċ-ċentri tal-vaganzi (07.3.6).

09.4.2 Is-servizzi kulturali (S)

– is-servizzi provduti minn:

  – ċinematografi, teatri, teatri ta' l-opra, swali tal-kunċerti, swali mużikali, ċirki tal-kummiedja, spettakoli tal-ħoss u tad-dawl,

  – mużewijiet, libreriji, galleriji ta' l-arti, eżibizzjonijiet,

  – monumenti storiċi, parkijiet nazzjonali, ġonna żoloġiċi u botaniċi, akkwarji.

– kiri ta' tagħmir u aċċessorji tal-kultura, bħalma huma settijiet għat-televiżjoni, video-cassettes, eċċ.,

– xandir bir-radjo u t-televiżjoni, b' mod partikolari il-ħlasijiet tal-liċenzja għall-apparat tat-televizjoni u l-abbonamenti għal strutturi ta' xandir televiżiv,

– is-servizzi ta' fotografi bħall-iżviluppar tal-films, l-ipproċessar u t-tkabbir tar-ritratti, ir-ritratti ppużati, il-fotografija tat-tieġ, eċċ.

Jinkludi: is-servizzi tal-mużiċisti, buffi, artisti tad-divertiment privat.

09.5 **Ġurnali, kotba u oġġetti ta' kartolerija**

Tirreferi għal dik il-parti ta' l-ispiża mħallsa mill-konsumaturi u mhux imħallsa lura mill-gvern, mis-sigurtà soċjali jew l-NPISH's.

09.5.1 Kotba (SD)

– kotba, inklużi l-atlas, id-dizzjunarji, l-enċiklopediji, kotba testwali, gwidi u l-partituri mużikali.

Jinkludi: scrapbooks u albums tat-tfal; illegar tal-kotba.

Jeskludi: albums tal-bolli (09.3.1).

09.5.2 Ġurnali u l-perjodiċi (ND)

– ġurnali, rivisti u perjodiċi oħra.

09.5.3/4 Oġġetti stampati varji u oġġetti tal-kartolerija u materjali tat-tpinġija (ND)

– katalgi u materjal tar-reklamar,

– posters, kartolini bl-istampi jew mingħajrhom, kalendarji

– kartolini ta' l-awguri, biljetti personali, biljetti ta' l-avviżi u tal-messaġġi,

– mappi u globi,

– karti tal-kitba, enveloppsi, kotba tal-kontijiet, kotba tan-notamenti, djarji, eċċ.,

– pinen, lapsijiet, fountain pens, ball-point pens, felt tip pens, inkla, gomom, temprini, eċċ.,

– stensils, karta saħħara, kurdiċella tat-typewiter, kuxxinetti tal-linka, fluwidi tal-korrezzjoni, eċċ.,

– paper punches, paper cutters, imqassijiet tal-karti, kolol u adesivi ta' l-uffiċċju, staplers u staples, paper clips, drawing pins, eċċ.,

– materjali tat-tpinġija u tal-pittura bħalma huma tila, karta, kartonċina, żebgħa, lapsijiet tax-xama', pastelli u pnieżel.

Jinkludi: materjal edukattiv bħal pitazzi, rigi, strumenti ġeometriċi, lavanji, kaxxi tal-ġibs u tal-lapsijiet.

Jeskludi: kartolini u ajrugrammi ttimbrati minn qabel (08.1.0); albums tal-bolli (09.3.1); kalkolaturi tal-but (09.1.3)

09.6 **Vaganzi kollox imħallas**

09.6.0 Vaganzi kollox imħallas

– il-vaganzi jew il-vjaġġi komprensivi li jipprovdu l-ivvjaġġar, l-ikel, l-akkomodazzjoni, il-gwidi, eċċ.

Jinkludi: ħarġiet ta' nofs tan nhar jew ta' ġurnata f" forma ta' eskursjonijiet; il-pellegrinaġġi.

10 L-EDUKAZZJONI

Din id-diviżjoni tkopri s-servizzi edukattivi biss. Din ma tinludix l-ispejjeż fuq materjal edukattiv, bħal kotba (09.5. 1) u oġġetti ta' kartolerija (09.5.4), jew servizzi edukattivi ta' għajnuna, bħalma huma servizzi għall-ħarsien tas-saħħa (06), servizzi ta' trasport (07.3), servizzi ta' forniment ta' ikel (11.1.2) u s-servizzi ta' akkomodazzjoni (11.2.0).

Din tinkludi l-edukazzjoni permezz ta' xandir bir-radju u bit-televiżjoni.

L-analiżi tas-servizzi edukattivi huwa bbażat fuq il-kategoriji tal-livelli tal-Klassifika Normattiva Internazzjonali fl-Edukazzjoni ta' l-1997(ISCED-97) ta' l-Organizzazzjoni għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura tan-Nazzjonijiet Uniti (Unesco)

10.x **L-edukazzjoni pre-primarja u primarja, sekondarja, post-sekondarja non-terzjarja, u terzjarja u l-edukazzjoni mhux definibbli permezz tal-livelli**

Din tkopri l-gruppi tal-Coicop 10.1/2/3/4.

10.x.0 **L-edukazzjoni pre-primarja u primarja, sekondarja, post-sekondarja non-terzjarja, u terzjarja u l-edukazzjoni mhux definibbli permezz tal-livelli (S)**

Il-livelli 0 u 1 ta' l-ISCES-97: l-edukazzjoni pre-primarja u primarja.

Il-livelli 2 u 3 ta' l-ISCES-97: l-edukazzjoni sekondarja inferjuri u l-edukazzjoni sekondarja superjuri.

Il-livell 4 ta' l-ISCED-97: l-edukazzjoni post-sekondarja u non-terzjarja.

Il-livelli 5 u 6 ta' l-ISCES-97: l-ewwel stadju u t-tieni stadju ta' l-edukazzjoni terzjarja.

Il-programmi edukattivi, ġeneralment għall-adulti, li ma jeħtiġux xi tagħlim speċjali preliminari, b' mod partikolari t-taħriġ vokazzjonali u l-iżvilupp kulturali.

Jinkludi: il-programmi tal-litteriżmu għal studenti li huma kbar wisq għall-edukazzjoni ta' l-iskola primarja u dik sekondarja barra mill-iskola għall-adulti u għaż-żagħżagħ; l-edukazzjoni post sekondarja mhux terzjarja barra mill-iskola għall-adulti u ż-żgħażagħ.

Teskludi: lezzjonijiet tas-sewqan (07.2.4); korsijiet ta' taħriġ rikrejattiv bħal sport jew lezzjonijiet ta' bridge mogħtija minn għalliema indipendenti (09.4.1).

11 IR-RESTORANTI U L-LUKANDI

11.1 **Is-servizzi tal-provvediment ta' l-ikel**

11.1.1 Restoranti, kafejiet u oħrajn ta' dix-xorta (S)

– servizzi ta' provediment ta'l-ikel (ikliet, ikliet ħfief, xarbiet, u rinfreskanti) provduti minn restoranti, kafejiet, buffets, barijiet, kmamar tat-te, eċċ., inklużi dawk provduti:

  – f'postijiet li jagħtu servizzi rikrejattivi, kulturali, sportivi u ta' divertiment: teatri, cinematografi, stadia ta' l-isports, pixxini, kumplessi sportivi, mużewijiet, galleriji ta'l-arti, każini notturni, swali taż-żfin, eċċ.,

  – fuq mezzi tat-trasport pubbliku (xarabankijiet, trenijiet, laneċ, ajruplani, eċċ) meta l-prezz ikun maħruġ separatament.

– inklużi wkoll huma:

  – il-bejgħ ta' prodotti ta' l-ikel u x-xorb għall-konsum immedjat minn kjoskijiet, vendituri ambulanti u oħrajn simili, inklużi prodotti ta' l-ikel u xorb imqassam lest għall-konsum minn magni tal-bejgħ awtomatiċi,

  – il-bejgħ ta' ikliet imsajra minn restoranti għall-konsum mhux fl-istabbiliment stess.

  – il-bejgħ ta' ikliet imsajra minn kuntratturi ta' l-ikel kemm jekk meħuda mill-klijent kif ukoll jekk imwassla sad-dar tal-konsumatur.

Jinkludi: it-tips.

Jeskludi: ix-xiri ta' tabakk (02.2.0); is-sejħiet bit-telefon (08.3.0).

11.1.2 Canteens (S)

– is-servizzi ta' provediment ta' l-ikel fil-canteen ta' fuq ix-xogħol, kantin ta' l-uffiċini u canteen ta' l-iskejjel, l-universitajiet u entitajiet edukattivi oħra.

Jinkludi: ir-refettorji ta'universitajiet, messijiet tal-militar u ta' l-uffiċjalità.

Jeskludi: l-ikel u x-xorb provdut lil pazjenti rikoverati ġo sptar (06.3.0).

11.2 **Servizzi ta' akkomodazzjoni**

11.2.0 Servizzi ta' akkomodazzjoni (S)

– servizzi ta' akkomodazzjoni minn:

  – lukandi, pensjonijiet, motels, taverni u stabbilimenti li joffru sodda u kolazzjon,

  – villaġġi tal-vaganzi u ċentri tal-vaganzi, siti ta' l-ikkampjar u karavans, ħostels taż-żgħażagħ u xalejiet tal-muntanji,

  – skejjel fejn l-istudenti jieklu u jorqdu, universitajiet u stabbilimenti edukattivi oħra,

  – mezzi tat-trasport pubbliku (trenijiet, laneċ, eċċ) meta l-prezz ikun maħruġ separatament.

  – ħostels għall-ħaddiema żgħażagħ jew għall-emigrannti.

Jinkludi: it-tips u l-porters.

Jeskludi: ħlasijiet minn entitajiet domestiċi li jkunu jokkupaw kamra f' lukanda jew pensjoni bħala r-residenza prinċipali (04.1.1); kera mħallsa minn entitajiet domestiċi għal residenza sekondarja għal kemm iddum vaganza (04.1.2); sejħiet tat-telefon (08.3.0); servizzi ta' provediment ta' ikel fi stabbilimenti ta' din ix-xorta minbarra l-kolazzjon jew ikliet oħra inklużi fil-prezz ta' l-akkomodazzjoni (11.1.1); alloġġ f' djar ta' l-iltiema, djar għall-persuni b' dizabilità jew bi problemi psikoloġiċi (12.4.0).

12 OĠĠETTI U SERVIZZI VARJI

12.1 **Kura tal-persuna**

12.1.1 Stabbilimenti tal-parrukkiera u ta' l-estetika tal-persuna (S)

– Servizzi tal-parrukkiera, barbiera, ħwienet għat-tisbiħ, manikura, pedikura, banju Tork, sawni, solaria, u massaġġi mhux mediċi, eċċ.

Jinkludi: attenzjoni għall-persuna, depilazzjoni u affarijiet simili.

Jeskludi: spas (06.2.3) jew (06.3.0); u ċentri għall-effiċjenza fiżika (09.4.1)

12.1.2/3 Apparat elettriku għall-kura tal-persuna u tagħmir, oġġetti u prodotti għal-kura ta' l-estitika (ND)

– imwies elettriċi u magni tax-xagħar, dryers ta' l-idejn u tat-tromba, tongs tan-nokkli u pettnijiet tas-setting, lampi tat-tixmix, vibraturi, xkupilji elettriċi tas-snien u apparat ieħeor elettriku għall-iġjene tas-snien, eċċ.,

– it-tiswija ta' l-oġġetti ta' din ix-xorta.

– apparat mhux elettriku: imwies u maginetti tax-xaħar u x-xfafar tagħhom, imqassijiet, limi tad-dwiefer, imxat, pniezel tal-leħja, xkupilji tax-xagħar, xkupilji tas-snien, xkupilji tad-dwiefer, labar tax-xagħar, molol tan-nokkli, imwieżen tal-persuna, imwieżen tat-trabi, eċċ.,

– oġġetti għall-iġjene tal-persuna: sapun tat-twaletta, sapun mediċinali, żejt u ħalib tat-tindif, sapun tal-leħja, krema u ragħwa tal-leħja, pasta dentali, eċċ.,

– prodotti tat-tisbiħ: lipstik, verniċ tad-dwiefer, make-up u prodotti għat-tneħħija tiegħu (inklużi l-kaxxi tat-terra, pnieżel u mopop tat-terra), żebgħa u likwidi tax-xahar, prodotti għal qabel u wara l-leħja, prodotti kontra r-raġġi tax-xemx, depilaturi, fwejjaħ u spirti tat-twaletta, deodoranti tal-persuna, prodotti tal-banju, eċċ.,

– prodotti oħra: toilet paper, imkatar tal-karti, xugamani tal-karta, sanitary towels, tajjar, mopop tat-tajjar, ħrieqi tat-trabi, u sponoż tat-twaletta, eċċ.,

Jeskludi: imkatar magħmula mid-drapp (03.1.3)

12.3 **Effetti personali m.i.b.**

12.3.1 *Bijoux, ġ*ojjelli, u arloġġi (D)

– ħaġar u metall prezzjuż u ġojjelli maħduma minn ħaġar u metall ta' din ix-xorta,

– ġojjelli artifiċjali, pulzieri u labar ta' l-ingravata,

– arloġġi, arloġġi ta' l-idejn, stop watches, żveljarini, arloġġi ta' l-ivvjaġjar,

– it-tiswija ta' l-oġġetti ta' din ix-xorta.

Teskludi: l-ornamenti (05.1.1) jew (05.4.0); l-arloġġi tar-radju (09.1.1.); il-ħaġar u l-metall prezzjuż u l-ġojjelli maħduma minn dawn il-ħaġar u l-metalli akkwistati primarjament bħala konservazzjoni tal-valur (formazzjoni tal-kapital, mhux kopert mill-HICP).

12.3.2 Effetti personali oħra (SD)

– Valiġġi u mezzi oħra għall-ġarr ta'l-effetti personali: bagalji, bagolli, valiġġi, attache cases, satchels, basktijiet, kartieri, portmonijiet, eċċ.,

– oġġetti għall-użu tat-tarbija: baby carriages, push-chairs, carry cots, recliners, car beds u seats, carriers ta' wara, carriers ta' quddiem, riedni u arnesijiet, eċċ.,

– oġġetti għall-dawk li jpejpu: pipi, lajters, sigarrettieri, imqassijiet tas-sigarri, eċċ.,

– oġġetti personali varji: nuċċalijiet tax-xemx, bsaten tal-mixi u bsaten komuni, umbrellel u umbrellel tax-xemx, fannijiet u ċrieki taċ-ċwievet, eċċ.,

– oġġetti funerarji: twiebet, lapidi tal-oqbra, urni, eċċ.,

– it-tiswija ta' l-oġġetti ta' din ix-xorta.

Jinkludi: termometri u barometri tal-ħajt.

Jeskludi: l-għamara tat-tarbija (05.1.1); basktijiet tax-xiri (05.2.0); u fjasketti tat-trabi (05.4.0).

12.4 **Protezzjoni Soċjali**

Protezzjoni soċjali kif hawnhekk definita tkopri s-servizzi ta'l-assistenza u l-appoġġ provduti lil persuni li huma: anzjani, jbagħtu b'dizabilità, jsofru minn korrimenti u mard konnessi max-xogħol, nies li baqgħu jgħixu wara xi dizgrazzja, qiegħda, foqra, bla dar, bi qliegħ baxx, indiġeni, immigranti, refuġjati, alkoliċi u nies li jieħdu sustanzi abusivi, eċċ. Din tkopri wkoll is-servizzi ta' għajnuna u appoġġ provduti lill-familji u lill-ulied.

12.4.0 Protezzjoni soċjali (S) (*)

Dawn is-servizzi jinkludu kura residenzjali, għajnuna fid-dar, għajnuna matul il-ġurnata u rijabilitazzjoni. B'mod aktar speċifiku, din il-klassi tkopri wkoll ħlasijiet minn entitajiet domestiċi lil:

– djar ta' rikoveru għal persuni anzjani, residenzi għal persuni diżabilità, ċentri tar-rijabilitazzjoni provduti għal sosoteniment fit-tul ta' pazjenti aktar milli bħala kura tas-saħħa u terapija rijabilitattiva, skejjel għal persuni b'diżabilità fejn l-għan prinċipali jkun dak li jgħin lill-istudenti jegħlbu d-diżabilità tagħhom.

– tgħin biex l-anzjani u l-persuni b' dizabilità jinżammu d-dar (servizzi ta' tindif tad-dar, programmi ta' ikel, ċentri ta' kura matul il-ġurnata u servizzi ta' kura waqt il-vaganzi).

– imredda', kreches, play schools u faċilitajiet oħra ta' ndukrar tat-tfal.

– għoti ta' pariri, iggwidar, arbitraġġ, servizzi ta' fostering u adozzjoni fil-familji.

12.5 **Assigurazzjoni**

Il-ħlasijiet għal servizz ta'l-assigurazzjoni huma kklassifikati skond it-tip ta' l-assigurazzjoni, jiġifieri assigurazzjoni fuq il-ħajja u mhux fuq il-ħajja (jiġifieri assigurazzjoni li għandha x' taqsam ma' l-abitazzjoni, is-saħħa, it-trasport, eċċ.). Ħlasijiet tas-servizzi għall-assigurazzjoni multi-riskju li tkun tkopri ħafna riskji għandha tiġi kklassifikata fuq il-bażi tal-prezz tar-riskju prinċipali jekk ma jkunx possibli li jiġu allokati ħlasijiet tas-servizz skond id-diversi riskji li jkunu koperti.

Ħlas għal-servizz jiġi definit bħala d-differenza bejn il-flus mitluba li għandhom jinħarġu u l-primjums li ddaħħlu u supplementi tal-primjums ([1]).

12.5.2 Assigurazzjoni konnessa mad-djar (S)

– ħlasijiet għal servizzi mħallsa minn sidien-residenti u minn inkwilini għat-tip ta' assigurazzjoni li normalment tittieħed mill-inkwilini kontra n-nar, is-serq, u l-ħsara mill-ilma, eċċ.

Jeskludi: ħlasijiet għal servizzi mħallsa minn sidien-residenti għat-tip ta' assigurazzjoni li normalment tittieħed minn propjetarji (**).

([1]) Skond kif definit mir-Regolament (KE) Nru 1617/1999 (ĠU L 192, 24.7.1999).

12.5.3 Konnessa mas-saħħa (S)

– ħlasijiet għal servizzi f' konessjoni ma' mard privat u assigurazzjoni kontra l-inċidenti.

12.5.4 Assigurazzjoni li għandha x' taqsam mat-trasport (S)

– ħlasijiet għal servizzi li għandhom x' jaqsmu ma' inġenji tat-trasport personali,

– ħlasijiet għal servizzi ta' assigurazzjoni ta' l-ivvjaġar u assigurazzjoni ta' valiġġa,

12.5.5 Assigurazzjoni oħra (S)

– ħlasijiet għal servizzi ta' assigurazzjonijiet oħra bħalma huwa d-dejn ċivili għal kontra l-korriment jew il-ħsara fuq terzi jew il-propjeta tagħhom.

Jeskludi: id-dejn ċivili jew il-ħsara fuq terzi jew il-propjeta tagħhom li tiġi kkawżata minn inġenji u t-tasport personali tagħhom (12.5.4).

12.6 **Servizzi finanzjarji m.i.b.**

12.6.2 Servizzi finanzjarji oħra m.i.b. (S)

– ħlasijiet attwalment magħmula għal servizzi finanzjarji minn banek, uffiċċji postali, banek ta' tifdil, ċanġiera u istituzzjonijiet finanzjarji simili,

– drittijiet u ħlasijiet għal-servizzi lil sensara, lil konsulenti ta' l-investimenti, konsulenti tat-taxxi u oħrajn simili,

– drittijiet amministrattivi ta' fondi tal-pensjoni privati u oħrajn simili.

Jeskludi: Ħlasijiet ta' interessi u imposti espressi bħala proporzjoni tal-valurr transattiv.

12.7 **Servizzi finanazjarji oħra m.i.b.**

12.7.0 Servizzi finanazjarji oħra m.i.b. (S)

– drittijiet għal servizzi legali, aġenziji ta' l-impjiegi, eċċ.,

– drittijiet għal kummissjonanti u servizzi funerarji oħra,

– ħlasijiet għal servizzi lil aġenti tal-propjetà, aġenti tal-kiri, irkantaturi, persuni responsabbli mill-bejgħ fil-ħwienet u intermedjarji oħra.

– ħlas għal fotokopji u għar-riproduzzjoni mod ieħor ta' dokumenti,

– drittijiet għall-ħruġ ta' ċertifikati tat-twelid, żwieġ u mewt u għal dokumenti oħra amministrattivi,

– ħlasijiet għal avviżi u reklami fil-ġurnali,

– ħlas għal servizzi ta' grafoloġisti, astroloġi, detektifs privati, għassiesa personali, aġenziji matrimonjali u konsulenti ta' l-iggwidar fiż-żwieġ, kittieba pubbliċi, konċessjonijiet varji(siġġijiet, twaletta, kmamar li jżommu l-ġgieget), eċċ.

Jeskludi: B' konformità mal-konvenzjonijiet ta' l-ESA 1995, huma eskluži l-kontribuzzjonijiet u l-miżati għassħubija ta' asoċċjazzjonijiet professjonali, knejjes u każini soċjali, kulturali, rikreattivi u sportivi (ESA 1995 paragrafu 3.77.e).

(*) Id-dettalji rigward il-metodoloġija u l-iskeda dwar id-dħul fis-seħħ għandhom jiġu speċifikati b' konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95.

(**) Wara deċiżjoni dwar kif għandhom jiġu meqjusa l-abitazzjonijiet okkupati mis-sid, il-kopertura ta' dan is-sub-indiċi jista' jkollha bżonn li tiġi estiża biex tinkludi n-nefqa fuq manutenzjoni u tiswijiet kbar fuq l-abitazzjoni u għall-estensjoni u l-konverżjoni ta' l-abitazzjoni li ma jiġux is-soltu mħallsa mill-inkwilini.